Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2018/0108(COD)

24.10.2019

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali
(COM(2018)0225 – C8-0155/2018 – 2018/0108(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Birgit Sippel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali
(COM(2018)0225 –C8-0155/2018 – 2018/0108(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0225),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0155/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati, mill-Bundesrat Ġermaniż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2019),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej ***għall-evidenza*** elettronika ***f'materji*** kriminali	dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej ***għall-informazzjoni*** elettronika ***fi proċedimenti*** kriminali

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-miżuri sabiex tinkiseb u tiġi ppreservata ***l-evidenza*** elettronika huma dejjem aktar importanti sabiex ikunu jistgħu jsiru investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali fl-Unjoni kollha. Mekkaniżmi effettivi sabiex tinkiseb ***evidenza*** elettronika huma essenzjali sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità, soġġetti għal kundizzjonijiet sabiex ***jiġi assigurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***kif imnaqqxa fit-Trattati***, ***b'mod*** partikolari l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, il-proċess ***dovut tal-liġi***, il-protezzjoni tad-data***, is-segretezza tal-korrispondenza u l-privatezza***.	(2) Il-miżuri sabiex tinkiseb u tiġi ppreservata ***l-informazzjoni*** elettronika huma dejjem aktar importanti sabiex ikunu jistgħu jsiru investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali fl-Unjoni kollha. Mekkaniżmi effettivi sabiex tinkiseb ***informazzjoni*** elettronika huma essenzjali sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità, soġġetti għal kundizzjonijiet ***u salvagwardji*** sabiex ***tiġi assigurata konformità sħiħa mad-drittijiet*** fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti ***fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***(il-Karta)***, ***b'mod*** partikolari l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, il-proċess ***ġust***, il-protezzjoni ***tal-privatezza u*** tad-data ***personali u l-kunfidenzjalità tad-dokumenti***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tat-22 ta' Marzu 2016 tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar l-attakki terroristiċi fi Brussell enfasizzat il-ħtieġa, bħala kwistjoni ta' prijorità, li jinstabu modi sabiex tiġi assigurata u miksuba l-evidenza elettronika aktar malajr u b'mod aktar effettiv u li jiġu identifikati miżuri konkreti sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 issottolinjaw l-importanza dejjem tiżdied tal-evidenza elettronika fil-proċedimenti kriminali, u tal-protezzjoni taċ-ċiberspazju mill-abbuż u mill-attivitajiet kriminali għall-benefiċċju tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, u għalhekk il-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji jkollhom għodod effettivi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' atti kriminali relatati maċ-ċiberspazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Reżiljenza, id-Deterrenza u d-Difiża tat-13 ta' Settembru 2017[27] , il-Kummissjoni enfasizzat li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettiva tal-kriminalità bl-użu tal-internet kienet deterrent ewlieni għall-attakki ċibernetiċi, u li l-qafas proċedurali preżenti kien jeħtieġ li jiġi adattat aħjar għall-era tal-internet. Il-proċeduri attwali xi drabi ma setgħux ilaħħqu mal-ħeffa tal-attakki ċibernetiċi, li joħolqu ħtieġa partikolari għal kooperazzjoni rapida bejn il-fruntieri.	***imħassar***

[27] JOIN(2017) 450 final (mhux disponibbli bil-Malti).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-Parlament Ewropew esprima wkoll dan it-tħassib fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità tat-3 ta' Ottubru 2017[28] , fejn issottolinja l-isfidi li l-qafas legali frammentat ta' bħalissa jista' joħloq għall-fornituri tas-servizzi sabiex jikkonformaw mat-talbiet ta' infurzar tal-liġi u talab lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta qafas legali tal-Unjoni għall-evidenza elettronika b'salvagwardji	***imħassar***

suffiċjenti għad-drittijiet u l-libertajiet ta' dawk kollha kkonċernati.

---

[28] 2017/2068(INI).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-servizzi bbażati fuq netwerk jistgħu jiġu pprovduti minn kullimkien u ma jirrikjedux infrastruttura, bini jew persunal fiżiċi fil-pajjiż rilevanti. ***Minħabba f'hekk***, ***l-evidenza*** rilevanti ħafna drabi tinħażen barra mill-Istat investigattiv ***jew minn fornitur tas-servizzi stabbilit barra minn*** dan ***l-Istat. Spiss, ma jkun hemm ebda konnessjoni oħra bejn il-każ li jkun qiegħed jiġi investigat fl-Istat ikkonċernat u l-Istat tal-post tal-ħażna jew tal-istabbiliment prinċipali tal-fornitur tas-servizzi***.	(7) Is-servizzi bbażati fuq netwerk jistgħu jiġu pprovduti minn kullimkien u ma jirrikjedux infrastruttura, bini jew persunal fiżiċi fil-pajjiż rilevanti. ***Għalhekk***, ***l-informazzjoni elettronika*** rilevanti ħafna drabi tinħażen barra mill-Istat investigattiv***, u*** dan ***joħloq sfidi fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni elettronika fil-proċedimenti kriminali***.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minħabba ***dan in-nuqqas ta' konnessjoni, it-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja ħafna drabi jiġu indirizzati lil stati li jkunu ospitanti għal għadd kbir*** ta' ***fornituri tas-servizzi, iżda li ma jkollhom l-ebda relazzjoni oħra mal-każ inkwistjoni. Barra minn hekk, l-għadd ta'***	(8) Minħabba ***n-natura*** ta' ***spiss volatili tal-informazzjoni*** elettronika, l-Istati Membri ***dejjem aktar jiddependu*** fuq ***kanali*** ta' kooperazzjoni ***diretti*** mal-fornituri tas-servizzi fejn ***ikunu*** disponibbli, billi jużaw għodod, kundizzjonijiet u proċeduri ***nazzjonali***

talbiet immultiplika minħabba ż-żieda fl-użu ta' servizzi bbażati fuq netwerk li min-natura tagħhom huma mingħajr fruntieri. B'riżultat ta' dan, il-ksib ta' evidenza elettronika ***bl-użu tal-kanali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ħafna drabi jieħu żmien twil — itwal milli jista' jkun disponibbli l-ħjiel sussegwenti. Barra minn hekk, ma hemm ebda qafas ċar għall-kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizz, filwaqt li ċerti fornituri ta' pajjiżi terzi jaċċettaw talbiet diretti għal data mhux ta' kontenut kif permess mil-liġi domestika applikabbli tagħhom. Konsegwentement***, l-Istati Membri ***kollha jibbażaw*** fuq ***il-kanal*** ta' kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi fejn ***ikun*** disponibbli, billi jużaw għodod, kundizzjonijiet u proċeduri ***differenti. Barra minn hekk, għad-data ta' kontenut, xi Stati Membri ħadu azzjoni unilaterali, filwaqt li oħrajn baqgħu jibbażaw fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja.***

differenti.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-qafas legali frammentat joħloq sfidi għall-fornituri tas-servizzi li jkunu jixtiequ jikkonformaw mat-talbiet ***ta' infurzar tal-liġi***. Għalhekk huwa neċessarju li ***jiġi ppreżentat qafas legali Ewropew għall-evidenza elettronika sabiex jiġi impost obbligu fuq il-fornituri tas-servizzi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument biex jirrispondu direttament lill-awtoritajiet mingħajr l-involviment ta' awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tal-fornitur tas-servizzi***.	(9) Il-qafas legali frammentat joħloq sfidi ***għall-infurzar tal-liġi, għall-awtoritajiet ġudizzjarji u*** għall-fornituri tas-servizzi li jkunu jixtiequ jikkonformaw mat-talbiet ***ġuridiċi***. Għalhekk huwa neċessarju li ***jiġu ppreżentati regoli speċifiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tranfruntiera għall-aċċess għall-informazzjoni elettronika, sabiex jikkumplimentaw il-liġi tal-UE eżistenti f'dak il-qasam***.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-Ordnijiet skont dan ir-Regolament għandhom jiġu indirizzati lir-rappreżentanti legali tal-fornituri tas-servizzi maħtura għal dak il-għan. Jekk fornitur tas-servizzi stabbilit fl-Unjoni ma jkunx ħatar rappreżentant legali, l-Ordnijiet jistgħu jiġu indirizzati lil kwalunkwe stabbiliment ta' dan il-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni. Din l-opzjoni ta' riżerva sservi biex tassigura l-effettività tas-sistema f'każ li l-fornitur tas-servizzi jkun għadu ma nnominax rappreżentant iddedikat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-destinatarji tal-ordnijiet huma koperti mill-premessa 37.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta, mid-dritt internazzjonali u l-ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-

	oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom. Tali drittijiet u prinċipji jinkludu, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità, kif ukoll id-dritt li wieħed ma jiġix ipproċessat jew ikkastigat darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat kriminali.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Ma hemm xejn f'dan ir-Regolament li jenħtieġ jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi ċ-ċaħda tal-infurzar ta' ordni meta jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jemmen, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun inħarġet bil-għan li persuna tiġi proċessata kriminalment jew ikkastigata minħabba s-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, iċ-ċittadinanza, il-lingwa jew l-opinjonijiet politiċi tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe waħda minn dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-mekkaniżmu tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ***għall-evidenza*** elettronika f'materji kriminali ***jista'*** jaħdem biss abbażi ***ta' livell għoli*** ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, li ***hija prekundizzjoni*** essenzjali ***għat-tħaddim kif suppost*** ta' ***dan l-istrument***.	(11) Il-mekkaniżmu tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ***għall-informazzjoni*** elettronika f'materji kriminali jaħdem biss abbażi ***tal-prinċipju*** ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri ***u l-preżunzjoni ta' konformità mill-Istati Membri l-oħrajn mal-liġi tal-Unjoni u***, ***b'mod partikolari, mad-drittijiet fundamentali*** li ***huma elementi*** essenzjali ***taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Unjoni. Madankollu, jekk ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li l-infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jkun jirriżulta fi ksur ta' dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata u li l-Istat Membru ta' infurzar se jinjora l-obbligi tiegħu dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta, l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandu jiġi miċħud. Qabel ma jiġi deċiż li ma tiġix rikonoxxuta jew eżegwita Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, l-awtorità ta' infurzar jenħtieġ li tikkonsulta lill-awtorità emittenti sabiex tikseb kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. F'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Karta u l-Artikolu 16(1) tat-TFUE, kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tikkonċernah. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jassiguraw li d-data personali tiġi protetta u tiġi pproċessata biss skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa preċedenti 56.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Id-data personali miksuba skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata biss meta dan ikun meħtieġ u b'mod li jkun proporzjonat għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti jew l-infurzar ta' sanzjonijiet kriminali u l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jassiguraw li japplikaw politiki u miżuri xierqa ta' protezzjoni tad-data għat-trażmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet rilevanti lill-fornituri tas-servizzi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi miżuri sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tad-data. Il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jiżguraw li l-istess salvagwardji japplikaw għat-trażmissjoni

	ta' data personali lill-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għal informazzjoni li jkun fiha data personali.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn jinkludu d-dritt għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità, kif ukoll id-dritt li wieħed ma jiġix ipproċessat jew ikkastigat darbtejn fi proċeduri kriminali għall-istess reat kriminali. Jekk l-Istat Membru emittenti jkollu indikazzjonijiet li jistgħu jkunu għaddejjin proċedimenti kriminali paralleli fi Stat Membru ieħor, huwa għandu jikkonsulta lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[29].	***imħassar***
[29] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tressqet 'il fuq (premessa 10a (ġdida) u ġiet emendata.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiggarantixxi r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, dan ir-Regolament jirreferi espliċitament għall-istandards neċessarji rigward il-ksib ta' kwalunkwe data personali, l-ipproċessar ta' din id-data, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-użu tal-miżura investigattiva prevista minn dan l-istrument u r-rimedji disponibbli.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Koperta mill-premessa 10a (ġdida), 11a (ġdida), 11b (ġdida), eċċ.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għad-drittijiet*** proċedurali ***fi proċedimenti kriminali*** stabbiliti fid-Direttivi 2010/64/UE[30] , 2012/13/UE[31] , 2013/48/UE[32] , 2016/343[33] , 2016/800[34] u 2016/1919[35] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(14) ***Id-drittijiet*** proċedurali stabbiliti fid-Direttivi 2010/64/UE[30] , 2012/13/UE[31] , 2013/48/UE[32] , 2016/343[33] , 2016/800[34] u 2016/1919[35] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***jenħtieġ li japplikaw, fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-Direttivi, għall-proċedimenti kriminali koperti minn dan ir-Regolament rigward l-Istati Membri marbuta b'dawk id-Direttivi. Jenħtieġ li s-salvagwardji previsti fil-Karta japplikaw għall-proċedimenti kollha koperti minn dan ir-***

Regolament.

---

[30] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

[31] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[32] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[33] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[34] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ***ssuspettati*** jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[35] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

---

[30] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

[31] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[32] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[33] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[34] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ***suspettati*** jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[35] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Meta l-Istat Membru emittenti jkollu raġuni biex jemmen li jistgħu jkunu għaddejjin proċedimenti kriminali paralleli fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li huwa jikkonsulta lill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI[29].

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Dan l-istrument jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Unjoni Ewropea tista' tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni sabiex jipproduċi jew jippreserva ***evidenza*** elettronika permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea. Dan ir-Regolament huwa applikabbli fil-każijiet ***kollha fejn il-fornitur tas-servizzi jkun stabbilit jew rappreżentat*** fi ***Stat Membru ieħor. Għas-sitwazzjonijiet domestiċi fejn ma jkunux jistgħu jintużaw l-istrumenti stabbiliti minn dan ir-Regolament, ir-Regolament jenħtieġ li ma jillimitax is-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti diġà stabbiliti mil-liġi nazzjonali sabiex jobbligaw il-fornituri tas-servizzi stabbiliti jew rappreżentati fit-territorju tagħhom.***	(15) Dan l-istrument jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Unjoni Ewropea tista' tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni sabiex jipproduċi jew jippreserva ***informazzjoni*** elettronika permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea. Dan ir-Regolament huwa applikabbli fil-każijiet ***transfruntiera kollha għall-aċċess għall-informazzjoni elettronika*** fi ***proċedimenti kriminali***.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-forniturі tas-servizzi l-aktar rilevanti ***għall-proċedimenti*** kriminali huma l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u forniturі speċifiċi ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn l-utenti. Għalhekk, iż-żewġ gruppi jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma definiti fil-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Dawn jinkludu komunikazzjonijiet interpersonali bħas-servizzi ta' vuċi fuq IP, messaġġerija istantanja u s-servizzi ta' posta elettronika. Il-kategoriji tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni inklużi hawnhekk huma dawk li għalihom il-ħażna tad-data hija komponent determinanti tas-servizz mogħti lill-utent, u jirreferu b'mod partikolari għan-netwerks soċjali sa fejn dawn ma jikkwalifikawx bħala servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, postijiet tas-suq online li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet bejn l-utenti tagħhom (bħall-konsumaturi jew in-negozji) u servizzi oħra ta' hosting, inkluż fejn is-servizz jiġi pprovdut permezz tal-cloud computing. ***Is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li għalihom il-ħażna tad-data mhijiex komponent determinanti tas-servizz ipprovdut lill-utent, u li għalihom hija biss ta' natura anċillari, bħas-servizzi legali, arkitettoniċi, ta' inġinerija u kontabilistiċi pprovduti online mill-bogħod, jenħtieġ li jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, anki fejn dawn jistgħu***	(16) Il-forniturі tas-servizzi ***li jkunu*** l-aktar rilevanti ***għall-ġbir ta' informazzjoni elettronika fil-proċedimenti*** kriminali huma l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u forniturі speċifiċi ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn l-utenti. Għalhekk, iż-żewġ gruppi jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi huma definiti fil-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Dawn jinkludu komunikazzjonijiet interpersonali bħas-servizzi ta' vuċi fuq IP, messaġġerija istantanja u s-servizzi ta' posta elettronika. Il-kategoriji tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni inklużi hawnhekk huma dawk li għalihom il-ħażna tad-data hija komponent determinanti tas-servizz mogħti lill-utent, u jirreferu b'mod partikolari għan-netwerks soċjali sa fejn dawn ma jikkwalifikawx bħala servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, postijiet tas-suq online li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet bejn l-utenti tagħhom (bħall-konsumaturi jew in-negozji) u servizzi oħra ta' hosting, inkluż fejn is-servizz jiġi pprovdut permezz tal-cloud computing.

jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/1535.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) F'ħafna każijiet, id-data ma tkunx aktar maħżuna jew ipproċessata fuq l-apparat tal-utent iżda tkun disponibbli fuq infrastruttura bbażata fuq il-cloud għall-aċċess minn kullimkien. Biex iħaddmu dawk is-servizzi, il-forniturи tas-servizzi ma għandhomx għalfejn ikunu stabbiliti jew ikollhom is-servers f'ġurisdizzjoni speċifika. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiddependix fuq il-lokalizzazzjoni attwali tal-istabbiliment tal-fornitur jew tal-faċilità ta' pproċessar jew ħażna tad-data.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Koperti biżżejjed mill-premessa 7.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-forniturи ta' servizzi ta' infrastruttura tal-internet relatati mal-assenjazzjoni ta' ismijiet u numri, bħar-reġistraturi u r-reġistri tal-ismijiet ta' dominji ***u l-forniturи ta' servizzi ta'***	(18) Il-forniturи ta' servizzi ta' infrastruttura tal-internet relatati mal-assenjazzjoni ta' ismijiet u numri, bħar-reġistraturi u r-reġistri tal-ismijiet ta' dominji, jew ir-reġistri reġjonali tal-

privatezza u proxy, jew ir-reġistri reġjonali tal-internet għall-indirizzi tal-protokoll tal-internet ("IP"), huma ta' rilevanza partikolari għall-identifikazzjoni tal-atturi wara siti web malizzjużi jew kompromessi. Huma jkollhom fil-pussess tagħhom data li ***hija ta' rilevanza partikolari għall-proċedimenti kriminali billi*** tista' tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwu jew entità wara sit web użat f'attività kriminali, jew il-vittma ta' attività ***kriminali fil-każ ta' sit web kompromess li jkun ġie maħtuf minn*** kriminali.	internet għall-indirizzi tal-protokoll tal-internet ("IP"), huma ta' rilevanza partikolari għall-identifikazzjoni tal-atturi wara siti web malizzjużi jew kompromessi. Huma jkollhom fil-pussess tagħhom data li tista' tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwu jew entità wara sit web użat f'attività kriminali, jew il-vittma ta' attività kriminali.
	Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Dan ir-Regolament jirregola l-ġbir tad-data maħżuna ***biss, jiġifieri, id-data miżmuma minn fornitur tas-servizzi*** fil-ħin ***li jirċievi Ċertifikat*** ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea. Huwa ma jistipulax obbligu ġenerali ta' żamma tad-data, u lanqas ma jawtorizza l-interċettazzjoni ta' data jew il-ksib ta' data maħżuna f'mument aktar 'il quddiem minn meta ***jiġi riċevut ċertifikat ta'*** ordni ta' produzzjoni jew ta' preservazzjoni***. Id-data jenħtieġ li tiġi pprovduta irrispettivament minn jekk tkunx kriptata jew le.***	(19) Dan ir-Regolament jirregola l-ġbir tad-data maħżuna fil-ħin ***tal-ħruġ*** ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea ***biss***. Huwa ma jistipulax obbligu ġenerali ta' żamma tad-data, u lanqas ma jawtorizza l-interċettazzjoni ta' data jew il-ksib ta' data maħżuna f'mument aktar 'il quddiem minn meta ***jinħareġ*** Ordni ta' produzzjoni jew ta' Preservazzjoni ***Ewropea***.
	Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-kategoriji tad-data li jkopri dan ir-Regolament jinkludu d-data dwar l-abbonati, id-data ***ta' aċċess, id-data*** dwar ***it-tranżazzjonijiet (dawn it-tliet kategoriji jissejħu komunement bħala "data mhux tal-kontenut")*** u d-data ta' kontenut. ***Din id-distinzjoni, apparti mid-data ta' aċċess, teżisti*** fil-liġijiet ***legali*** ta' bosta Stati Membri ***kif ukoll fil-qafas legali attwali tal-Istati Uniti li jippermetti lill-fornituri ta' servizz jaqsmu data mhux ta' kontenut ma' awtoritajiet barranin tal-infurzar tal-liġi fuq bażi volontarja***.	(20) Il-kategoriji tad-data li jkopri dan ir-Regolament jinkludu d-data dwar l-abbonati, id-data dwar ***it-traffiku*** u d-data ta' kontenut. ***Tali kategorizzazzjonijiet jeżistu*** fil-liġijiet ta' bosta Stati Membri.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa xieraq li d-data ***ta' aċċess*** tiġi individwalizzata bħala kategorija ta' data speċifika użata f'dan ir-Regolament. Id-data ***ta' aċċess*** hija mfittxija ***għall-istess objettiv bħad-data dwar l-abbonati, fi kliem ieħor*** sabiex jiġi identifikat l-utent sottostanti, u l-livell ta' ndħil fid-drittijiet fundamentali huwa ***simili għal dak tad-data dwar l-abbonati. Id-data*** ta' ***aċċess ġeneralment tiġi rreġistrata bħala parti minn rekord tal-avvenimenti (fi kliem ieħor log tas-server) biex tindika l-bidu u t-tmiem*** ta' ***sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz. Din ħafna drabi tkun indirizz IP individwali (statiku jew dinamiku) jew identifikatur ieħor li jidentifika l-interfaċċa tan-netwerk użata waqt is-sessjoni ta' aċċess. Jekk l-utent ma jkunx magħruf, dan ħafna drabi jkun irid jinkiseb qabel ma tkun tista' tiġi ordnata d-data dwar l-abbonati mingħand il-***	(21) Huwa xieraq li d-data ***tal-abbonat*** tiġi individwalizzata bħala kategorija ta' data speċifika użata f'dan ir-Regolament. Id-data ***tal-abbonat*** hija mfittxija sabiex jiġi identifikat l-utent sottostanti, u l-livell ta' ndħil fid-drittijiet fundamentali huwa ***ftit inqas milli fil-każ*** ta' ***kategoriji oħrajn*** ta' ***data aktar sensittiva***.

fornitur tas-servizzi.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Id-data dwar ***it-tranżazzjonijiet***, min-naħa l-oħra, ġeneralment titfittex sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-kuntatti u l-pożizzjoni tal-utent u tista' sservi sabiex jiġi stabbilit profil ta' individwu kkonċernat. ***Madankollu, id-data ta' aċċess waħedha ma tistax isservi sabiex tistabbilixxi għan simili, pereżempju hija ma tiżvela ebda informazzjoni dwar l-interlokuturi relatati mal-utent. B'hekk din il-proposta tintroduċi kategorija ġdida ta' data***, ***li għandha tiġi ttrattata bħad-data*** dwar ***l-abbonati jekk l-għan tal-ksib*** ta' ***din id-data jkun simili***.	(22) Id-data dwar ***it-traffiku***, min-naħa l-oħra, ġeneralment titfittex sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-kuntatti u l-pożizzjoni tal-utent u tista' sservi sabiex jiġi stabbilit profil ***komprensiv*** ta' individwu kkonċernat. ***Għalhekk***, ***fir-rigward tas-sensittività***, ***id-data*** dwar ***it-traffiku hija komparabbli mad-data*** ta' ***kontenut***.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-kategoriji kollha tad-data jinkludu data personali, u għalhekk huma koperti mis-salvagwardji skont l-acquis dwar il-protezzjoni tad-data tal-Unjoni, iżda l-intensità tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tvarja, b'mod partikolari bejn id-data dwar l-abbonati ***u d-data ta' aċċess*** fuq naħa u d-data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u d-data ta' kontenut fuq in-naħa l-oħra.	(23) Il-kategoriji kollha tad-data jinkludu data personali, u għalhekk huma koperti mis-salvagwardji skont l-*acquis* dwar il-protezzjoni tad-data tal-Unjoni, iżda l-intensità tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tvarja, b'mod partikolari bejn id-data dwar l-abbonati fuq naħa u d-data dwar ***it-traffiku*** u d-data ta' kontenut fuq in-naħa l-oħra. Filwaqt li d-data dwar l-

Filwaqt li d-data dwar l-abbonati ***u d-data ta' aċċess huma*** utli sabiex jinkiseb l-ewwel ħjiel f'investigazzjoni dwar l-identità ta' persuna suspettata, id-data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u d-data ta' kontenut huma ***l-aktar*** rilevanti bħala materjal probatorju. Għalhekk huwa essenzjali li dawn il-kategoriji kollha ta' data jkunu koperti mill-istrument. Minħabba l-grad differenti ta' ndħil fid-drittijiet fundamentali, huma imposti kundizzjonijiet differenti għall-ksib ***tad-data dwar l-abbonati u d-data*** ta' ***aċċess fuq naħa, u d-data dwar it-tranżazzjonijiet u d-data ta' kontenut fuq in-naħa l-oħra***.	abbonati ***tista' tkun*** utli sabiex jinkiseb l-ewwel ħjiel f'investigazzjoni dwar l-identità ta' persuna suspettata, id-data dwar ***it-traffiku*** u d-data ta' kontenut huma ***ta' spiss aktar*** rilevanti bħala materjal probatorju. Għalhekk huwa essenzjali li dawn il-kategoriji kollha ta' data jkunu koperti mill-istrument. Minħabba l-grad differenti ta' ndħil fid-drittijiet fundamentali, huma imposti ***salvagwardji u*** kundizzjonijiet differenti għall-ksib ta' ***data tali***.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea huma miżuri investigattivi li jenħtieġ li jinħarġu biss fil-qafas ta' proċedimenti kriminali speċifiċi ***kontra l-awtur speċifiku magħruf jew*** li ***jkun għadu mhux magħruf ta'*** reat kriminali konkret li jkun diġà seħħ, wara evalwazzjoni individwali tal-proporzjonalità u tan-neċessità f'kull każ individwali.	(24) L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea huma miżuri investigattivi li jenħtieġ li jinħarġu biss fil-qafas ta' proċedimenti kriminali speċifiċi li ***jikkonċernaw*** reat kriminali konkret li jkun diġà seħħ, wara evalwazzjoni individwali tal-proporzjonalità u tan-neċessità f'kull każ individwali***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata***.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat investigattivi tal-awtoritajiet fi proċedimenti ċivili jew amministrattivi, inkluż fejn dawn il-proċedimenti jistgħu jwasslu għal sanzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-istabbiliment ta' jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fl-Unjoni jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk ***il-fornitur*** tas-servizzi ***jippermettix persuni ġuridiċi jew fiżiċi*** fi Stat Membru wieħed jew aktar ***jużaw is-servizzi tiegħu***. Madankollu, is-sempliċi aċċessibbiltà ta' interfaċċa online bħal pereżempju l-aċċessibbiltà tas-sit web jew ta' indirizz tal-posta elettronika tal-fornitur tas-servizzi jew ta' intermedjarju jew ta' ***dettalji oħra ta' kuntatt fi Stat Membru wieħed jew aktar waħedha ma għandhiex tkun kundizzjoni*** suffiċjenti ***għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.	(27) L-istabbiliment ta' jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fl-Unjoni jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk ***ikunx jidher li l-fornitur*** tas-servizzi ***jikkunsidrax li joffri servizzi lil suġġetti tad-data*** fi Stat Membru wieħed jew aktar ***fl-Unjoni***. Madankollu, is-sempliċi aċċessibbiltà ta' interfaċċa online***,*** bħal pereżempju l-aċċessibbiltà tas-sit web jew ta' indirizz tal-posta elettronika ***jew ta' dettalji oħra ta' kuntatt*** tal-fornitur tas-servizzi jew ta' intermedjarju***,*** jew ***l-użu*** ta' ***lingwa ġeneralment użata fil-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizzi, jenħtieġ li jkunu meqjusa mhux*** suffiċjenti ***biex jasserixxu tali intenzjoni***.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni għandha tkun ukoll rilevanti sabiex jiġi determinat l-ambitu ta' applikazzjoni tar-Regolament preżenti. Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jenħtieġ li titqies li teżisti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' stabbiliment bħal dan, il-kriterju ta' konnessjoni sostanzjali għandu jiġi vvalutat abbażi tal-eżistenza ta' għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar tal-attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar jista' jiġi determinat abbażi taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, inklużi fatturi bħall-użu ta' lingwa jew munita ġeneralment użata f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi. ***L-immirar ta' attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru jista' jiġi derivat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni ("app") fl-app store nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew reklamar bil-lingwa użata f'dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħall-għoti ta' servizz lill-klijenti bil-lingwa ġeneralment użata f'dak l-Istat Membru. Għandha tiġi preżunta wkoll konnessjoni sostanzjali meta fornitur tas-servizzi jidderieġi lattivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[36]. Min-naħa l-oħra, il-forniment tas-servizz minħabba s-sempliċi konformità mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stipulata fir-Regolament (UE) 2018/302[37] ma jistax, għal dik ir-raġuni waħedha, jitqies li jkun qiegħed jidderieġi jew jimmira l-attivitajiet lejn***	(28) Konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni għandha tkun ukoll rilevanti sabiex jiġi determinat l-ambitu ta' applikazzjoni tar-Regolament preżenti. Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jenħtieġ li titqies li teżisti meta l-fornitur tas-servizzi jkollu stabbiliment fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' stabbiliment bħal dan, il-kriterju ta' konnessjoni sostanzjali għandu jiġi vvalutat abbażi tal-eżistenza ta' għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar tal-attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet fid-direzzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar jista' jiġi determinat abbażi taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, inklużi fatturi bħall-użu ta' lingwa jew munita ġeneralment użata f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi.

territorju partikolari fl-Unjoni.

---

*[36] **Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).***

*[37] **Ir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE)2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 601, 2.3.2018, p. 1).***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tinħareġ biss jekk tkun meħtieġa u proporzjonata. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tikkunsidra jekk l-Ordni tkunx limitata għal dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li tinkiseb id-data rilevanti u neċessarja sabiex isservi bħala evidenza fil-każ individwali biss.	(29) L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea*** jenħtieġ li tinħareġ biss jekk tkun meħtieġa u proporzjonata***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata***. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tikkunsidra jekk ***ikunx hemm raġunijiet konvinċenti, li jagħtu lok għal ċertu livell ta' suspett li d-delitt ikun seħħ, li jiġġustifikaw il-produzzjoni transfruntiera jew il-preservazzjoni tad-data u jekk*** l-Ordni tkunx limitata għal dak li jkun ***strettament*** meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li tinkiseb id-data rilevanti u neċessarja sabiex isservi bħala evidenza fil-

każ individwali biss.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea, dejjem għandu jkun hemm awtorità ġudizzjarja involuta fil-proċess ta' ħruġ jew ta' validazzjoni tal-Ordni. Minħabba l-karattru aktar sensittiv tad-data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u ta' kontenut, il-ħruġ jew il-validazzjoni tal-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej għall-produzzjoni ta' dawn il-kategoriji jirrikjedi rieżami minn imħallef. Billi d-data dwar l-abbonati ***u d-data ta' aċċess huma*** anqas ***sensittivi***, l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej għad-divulgazzjoni tagħha jistgħu jinħarġu jew jiġu vvalidati wkoll minn prosekuturi kompetenti.	(30) Meta tinħareġ Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea, dejjem għandu jkun hemm awtorità ġudizzjarja involuta fil-proċess ta' ħruġ jew ta' validazzjoni tal-Ordni. Minħabba l-karattru aktar sensittiv tad-data dwar ***it-traffiku*** u ta' kontenut, il-ħruġ jew il-validazzjoni tal-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej għall-produzzjoni ta' dawn il-kategoriji jirrikjedi rieżami minn imħallef. Billi d-data dwar l-abbonati ***hija*** anqas ***sensittiva***, l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej għad-divulgazzjoni tagħha jistgħu jinħarġu jew jiġu vvalidati wkoll minn prosekuturi kompetenti ***indipendenti. Meta jkun hekk previst mil-liġi nazzjonali, l-infurzar tal-ordni jista' jirrikjedi l-involviment proċedurali ta' qorti fl-Istat ta' infurzar.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Jenħtieġ li prosekutur jitqies indipendenti jekk ma jkunx espost għar-riskju li jkun soġġett, direttament jew indirettament, għal indikazzjonijiet jew istruzzjonijiet f'każ speċifiku mill-eżekuttiv, bħall-Ministru għall-Ġustizzja,

b'rabta mal-adozzjoni ta' deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Riflessjoni tal-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Għall-istess raġuni, trid issir distinzjoni rigward il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dan ir-Regolament: L-Ordnijiet għall-produzzjoni ta' data dwar l-abbonati ***u data ta' aċċess*** jistgħu jinħarġu għal kwalunkwe reat kriminali, filwaqt li l-aċċess għad-data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u ta' kontenut jenħtieġ li jkun soġġett għal rekwiżiti aktar stretti sabiex jirriflettu n-natura aktar sensittiva ta' din id-data. Limitu jippermetti approċċ aktar proporzjonat, flimkien ma' għadd ta' kundizzjonijiet u salvagwardji ex ante u ex post oħra previsti ***fil-proposta*** sabiex jassiguraw ir-rispett għall-proporzjonalità u d-drittijiet tal-persuni affettwati. Fl-istess ħin, jenħtieġ li limitu ma jillimitax l-effettività tal-istrument u l-użu tiegħu mill-professjonisti. Jekk jitħalla l-ħruġ ta' Ordnijiet għal investigazzjonijiet li jġorru minn tal-anqas sentenza massima ta' ***tliet*** snin, dan jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument għal kriminalità aktar serja, mingħajr ma jaffettwa eċċessivament il-possibbiltajiet tal-użu tiegħu mill-professjonisti. Huwa jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni għadd sinifikanti ta' ***reati*** li huma kkunsidrati anqas serji mill-Istati Membri, kif espress f'piena massima aktar baxxa. Huwa għandu l-vantaġġ ukoll li huwa faċilment applikabbli fil-prattika.	(31) Għall-istess raġuni, trid issir distinzjoni rigward il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dan ir-Regolament: L-Ordnijiet għall-produzzjoni ta' data dwar l-abbonati jistgħu jinħarġu għal kwalunkwe reat kriminali, filwaqt li l-aċċess għad-data dwar ***it-traffiku*** u ***d-data*** ta' kontenut jenħtieġ li jkun soġġett għal rekwiżiti aktar stretti sabiex jirriflettu n-natura aktar sensittiva ta' din id-data. Limitu jippermetti approċċ aktar proporzjonat, flimkien ma' għadd ta' kundizzjonijiet u salvagwardji *ex ante* u *ex post* oħra previsti ***f'dan ir-Regolament*** sabiex jassiguraw ir-rispett għall-proporzjonalità u d-drittijiet tal-persuni affettwati. Fl-istess ħin, jenħtieġ li limitu ma jillimitax l-effettività tal-istrument u l-użu tiegħu mill-professjonisti. Jekk jitħalla l-ħruġ ta' Ordnijiet għal investigazzjonijiet li jġorru minn tal-anqas sentenza massima ta' ***ħames*** snin, dan jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument għal kriminalità aktar serja, mingħajr ma jaffettwa eċċessivament il-possibbiltajiet tal-użu tiegħu mill-professjonisti. Huwa jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni għadd sinifikanti ta' ***delitti*** li huma kkunsidrati anqas serji mill-Istati Membri, kif espress f'piena massima aktar baxxa. Huwa għandu l-vantaġġ ukoll li huwa faċilment applikabbli fil-prattika.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Hemm reati speċifiċi fejn ***l-evidenza*** ġeneralment tkun disponibbli esklussivament f'forma elettronika, li għandha natura partikolarment qasira. Dan huwa l-każ ***għar-reati*** ċibernetiċi, anki dawk li jistgħu ma jkunux meqjusa bħala serji fihom infushom iżda li jistgħu jikkawżaw ħsara estensiva jew konsiderevoli, li jinkludu b'mod partikolari każijiet ta' impatt individwali baxx iżda ħsara ta' volum għoli u ***kumplessiv***. Għall-biċċa l-kbira tal-każijiet fejn ir-reat ikun twettaq permezz ta' sistema tal-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-istess limitu bħal fil-każ ta' tipi oħra ta' reati twassal predominantement ***għal impunità***. Dan jiġġustifika l-applikazzjoni tar-Regolament anki għal dawk ir-reati ***fejn*** il-piena massima tkun anqas minn ***3*** snin priġunerija. Addizzjonalment, reati relatati mat-terroriżmu kif deskritti fid-Direttiva 2017/541/UE ma jirrikjedux il-limitu massimu minimu ta' ***3*** snin.	(32) Hemm reati speċifiċi fejn ***l-informazzjoni*** ġeneralment tkun disponibbli esklussivament f'forma elettronika, li għandha natura partikolarment qasira. Dan huwa l-każ ***għad-delitti*** ċibernetiċi, anki dawk li jistgħu ma jkunux meqjusa bħala serji fihom infushom iżda li jistgħu jikkawżaw ħsara estensiva jew konsiderevoli, li jinkludu b'mod partikolari każijiet ta' impatt individwali baxx iżda ħsara ta' volum għoli u ***kumplessivament kbira***. Għall-biċċa l-kbira tal-każijiet fejn ir-reat ikun twettaq permezz ta' sistema tal-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-istess limitu bħal fil-każ ta' tipi oħra ta' reati twassal predominantement ***għall-impunità***. Dan jiġġustifika l-applikazzjoni tar-Regolament anki għal dawk ir-reati ***li għalihom*** il-piena massima tkun anqas minn ***5*** snin priġunerija. Addizzjonalment, reati relatati mat-terroriżmu kif deskritti fid-Direttiva 2017/541/UE ma jirrikjedux il-limitu massimu minimu ta' ***5*** snin.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi stipulat li l-Ordni ta' Produzzjoni	(33) Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi stipulat li l-Ordni ta' Produzzjoni

Ewropea tista' tinħareġ biss ***jekk tkun disponibbli Ordni simili għall-istess reat kriminali f'sitwazzjoni domestika komparabbli fl-Istat emittenti***.	Ewropea tista' tinħareġ biss ***meta setgħet ġiet ordnata skont l-istess kundizzjonijiet f'każ intern***.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) F'każijiet fejn id-data mfittxija tkun maħżuna jew ipproċessata bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur tas-servizzi lil kumpanija jew entità oħra għajr persuni fiżiċi, ġeneralment fil-każ tas-servizzi ta' hosting, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tintuża biss meta miżuri investigattivi oħra indirizzati lill-kumpanija jew lill-entità ma jkunux adattati, speċjalment jekk dan joħloq ir-riskju li tiġi pperikolata l-investigazzjoni. Dan huwa ta' rilevanza b'mod partikolari fir-rigward ta' entitajiet akbar, bħall-korporazzjonijiet jew l-entitajiet tal-gvern, li jużaw is-servizzi ta' fornituri tas-servizzi sabiex jipprovdu l-infrastruttura jew is-servizzi tal-IT korporattivi tagħhom jew it-tnejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-ewwel destinatarju ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jenħtieġ li tkun il-kumpanija jew entità oħra. Din il-kumpanija jew entità legali oħra ma tistax tkun fornitur tas-servizzi kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, f'każijiet fejn ma jkunx opportun li tiġi indirizzata dik l-entità, pereżempju minħabba li tkun issuspettata b'involviment fil-każ ikkonċernat jew ikun hemm indikazzjonijiet ta' kollużjoni mal-mira tal-investigazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu**	***imħassar***

jindirizzaw lill-fornitur tas-servizzi li jkun qiegħed jipprovdi l-infrastruttura inkwistjoni sabiex jipprovdi d-data mitluba. Din id-dispożizzjoni ma taffettwax id-dritt li l-fornitur tas-servizzi jiġi ordnat jippreserva d-data.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-immunitajiet u l-privileġġi, li jistgħu jirreferu għal kategoriji ta' persuni (bħal diplomatiċi) jew relazzjonijiet protetti b'mod speċifiku (bħall-privileġġ professjonali legali), huma msemmija fi strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea. Il-firxa u l-impatt tagħhom ivarjaw skont il-liġi nazzjonali applikabbli li jenħtieġ li tiġi kkunsidrata meta tinħareġ l-Ordni, billi l-awtorità emittenti tista' toħroġ l-Ordni biss jekk tkun disponibbli ordni simili f'sitwazzjoni domestika komparabbli. Minbarra dan il-prinċipju bażiku, l-immunitajiet u l-privileġġi li jipproteġu d-data ta' aċċess, id-data dwar it-tranżazzjonijiet jew id-data ta' kontenut fl-Istat Membru tal-fornitur tas-servizzi jenħtieġ li kemm jista' jkun jiġu kkunsidrati fl-Istat emittenti bl-istess mod daqslikieku kienu previsti skont il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari jekk il-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi indirizzat il-fornitur tas-servizzi jew ir-rappreżentant legali tiegħu tipprovdi protezzjoni ogħla mil-liġi tal-Istat emittenti. Id-dispożizzjoni tassigura wkoll ir-rispett għal każijiet fejn id-divulgazzjoni tad-data jista' jkollha impatt fuq l-interessi fundamentali ta' dak**	***imħassar***

l-Istat Membru bħalma huma s-sigurtà u d-difiża nazzjonali. Bħala salvagwardja addizzjonali, dawn l-aspetti jenħtieġ li jiġu kkunsidrati mhux biss meta tinħareġ l-Ordni, iżda wkoll aktar tard, meta jkunu qed jiġu vvalutati r-rilevanza u l-ammissibbiltà tad-data kkonċernata fl-istadju rilevanti tal-proċedimenti kriminali, u jekk isseħħ proċedura ta' infurzar, mill-awtorità tal-infurzar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan irid jiġi indirizzat fil-premessa 36a (ġdida) u jinġieb f'konformità mal-premessa 20 mill-OIE.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tinħareġ għal kwalunkwe reat. L-għan tagħha huwa li tipprevjeni t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika ta' data rilevanti f'sitwazzjonijiet fejn jista' jkun meħtieġ aktar żmien sabiex tinkiseb il-produzzjoni ta' din id-data, pereżempju minħabba li jkunu se jintużaw kanali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.	(36) L-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tinħareġ għal kwalunkwe reat ***kriminali li għalih ikun seta' ġie ordnat taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ intern simili u fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti li jagħtu lok għal ċertu livell ta' suspett li d-delitt ikun twettaq biex jiġġustifika l-preservazzjoni tad-data***. L-għan tagħha huwa li tipprevjeni t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika ta' data rilevanti f'sitwazzjonijiet fejn jista' jkun meħtieġ aktar żmien sabiex tinkiseb il-produzzjoni ta' din id-data, pereżempju minħabba li jkunu se jintużaw kanali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) L-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej jenħtieġ li jiġu indirizzati ***lir-rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizzi. Fin-nuqqas ta' rappreżentant legali nominat, l-Ordnijiet jistgħu jiġu indirizzati lil stabbiliment*** tal-fornitur tas-servizzi ***fl-Unjoni. Dan jista' jkun il-każ meta ma jkun hemm ebda obbligu legali għall-fornitur tas-servizzi sabiex jinnomina rappreżentant legali. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mir-rappreżentant legali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tiġi indirizzata wkoll lill-fornitur tas-servizzi minflok ma tiġi mfittxija l-eżekuzzjoni tal-Ordni oriġinali jew flimkien magħha skont l-Artikolu 14. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mir-rappreżentant legali f'sitwazzjonijiet mhux ta' emerġenza, iżda fejn ikun hemm riskji ċari ta' telf tad-data, Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tiġi indirizzata wkoll lil kwalunkwe stabbiliment tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni. Minħabba dawn ix-xenarji possibbli differenti, fid-dispożizzjonijiet jintuża t-terminu ġenerali "destinatarju". Fejn obbligu, pereżempju dwar il-kunfidenzjalità, japplika mhux biss għad-destinatarju, iżda wkoll għall-fornitur tas-servizzi jekk ma jkunx id-destinatarju, dan huwa speċifikat fid-dispożizzjoni rispettiva.***	(37) L-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej jenħtieġ li jiġu indirizzati ***direttament lill-istabbiliment prinċipali*** tal-fornitur tas-servizzi fejn ikun ***jinsab il-kontrollur*** tad-data, jew, ***fir-rigward tal-forniturи tas-servizzi mhux stabbiliti fl-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament***, ***lir-rappreżentant legali tiegħu maħtur mill-fornitur*** tas-servizzi***. Fl-istess ħin iridu jiġu indirizzati direttament lill-awtorità ta' infurzar***.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Jekk l-identità tal-persuna affettwata tkun diġà magħrufa mill-awtorità emittenti u l-Istat ta' residenza permanenti la jkun l-Istat emittenti u lanqas l-Istat ta' infurzar, jenħtieġ li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea fl-istess ħin tiġi trażmessa wkoll lill-awtorità affettwata tal-Istat ta' residenza permanenti ta' dik il-persuna.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-Ordnijiet ta' Produzzjoni u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jenħtieġ li jiġu trażmessi lill-fornitur tas-servizzi permezz ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR), li jenħtieġ li jiġu tradotti. ***Iċ-Ċertifikati jenħtieġ li jinkludu l-istess informazzjoni obbligatorja bħall-Ordnijiet, ħlief ir-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura jew aktar dettalji dwar il-każ sabiex jiġi evitat li jiġu pperikolati l-investigazzjonijiet. Iżda billi dawn huma parti mill-Ordni nnifisha jippermettu lill-persuna suspettata tikkontestaha aktar tard matul il-proċedimenti kriminali.*** Fejn ikun meħtieġ, Ċertifikat irid jiġi tradott fil-lingwa/i uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ***tad-destinatarju,*** jew f'lingwa uffiċjali oħra li ***l-fornitur tas-***	(38) L-Ordnijiet ta' Produzzjoni u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej jenħtieġ li jiġu trażmessi lill-fornitur tas-servizzi permezz ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR), li jenħtieġ li jiġu tradotti. Fejn ikun meħtieġ, Ċertifikat irid jiġi tradott fil-lingwa/i uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ***ta' infurzar u, meta jkun applikabbli, tal-Istat affettwat,*** jew f'lingwa uffiċjali oħra li ***dawk l-Istati membri jkunu ddikjaraw li se jaċċettaw. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew, fi kwalunkwe ħin, jistqarru permezz ta' dikjarazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, li jaċċettaw traduzzjonijiet tal-EPOC jew l-EPOC-PR f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni għajr il-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat***

servizzi jkun iddikjara li se jaċċetta.	***Membru. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqiegħed id-dikjarazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha u tan-NĠE.***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-awtorità emittenti kompetenti jenħtieġ li tittrażmetti l-EPOC jew l-EPOC-PR direttament ***lid-destinatarju*** bi kwalunkwe mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt kundizzjonijiet li ***jippermettu lill-fornitur tas-servizzi jistabbilixxi l-awtentiċità***, ***pereżempju permezz*** ta' ***posta rreġistrata, posta elettronika*** u ***pjattaformi siguri jew kanali siguri oħra***, ***inklużi dawk magħmula disponibbli mill-fornitur tas-servizzi,*** f'konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data personali.	(39) L-awtorità emittenti kompetenti jenħtieġ li tittrażmetti l-EPOC jew l-EPOC-PR direttament ***lid-destinatarji*** bi kwalunkwe mezz ***sigur*** li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub ***traċċabbli*** taħt kundizzjonijiet li ***jagħtu prova tal-awtentiċità*** tiegħu, f'konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data personali. ***Fir-rigward ta' tali mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni u trażmissjoni, infrastruttura diġitali tal-Unjoni komuni għall-komunikazzjoni, awtentikazzjoni u trażmissjoni transfruntiera siguri fil-qasam tal-ġustizzja jenħtieġ li jiġu previsti mill-aktar fis possibbli.***

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Id-data mitluba*** jenħtieġ li ***tiġi*** trażmessa ***lill-awtoritajiet sa mhux aktar tard*** minn 10 ijiem wara ***li jiġi riċevut l-EPOC. Il-fornitur*** jenħtieġ li ***jirrispetta limiti*** ta' ***żmien aktar qosra f'każijiet*** ta' ***emerġenza u jekk l-awtorità emittenti***	(40) ***Wara li jasal l-EPOC, l-awtorità ta' infurzar*** jenħtieġ li ***tirrikonoxxi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea,*** trażmessa ***f'konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-***

tindika raġunijiet oħra sabiex tiddevja mill-iskadenza ta' ***10 ijiem***. ***Minbarra l-periklu imminenti tat-tħassir tad-data mitluba***, ***raġunijiet bħal dawn jistgħu jinkludu ċirkostanzi li jkunu relatati mal-investigazzjoni li*** tkun ***għaddejja***, ***pereżempju meta t-talba mitluba*** tkun ***assoċjata ma' miżuri investigattivi urġenti oħra*** li ***ma jkunux jistgħu jitwettqu mingħajr id-data nieqsa*** jew ***inkella jkunu dipendenti fuqha***.

istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva kkonċernata kienet ġiet ordnata minn ***awtorità tal-Istat ta' infurzar, fi żmien*** 10 ijiem wara ***l-wasla tal-EPOC. F'dak il-perijodu ta' 10 ijiem, l-awtorità ta' infurzar*** jenħtieġ li ***tkun tista' toġġezzjona għall-Ordni*** ta' ***Produzzjoni Ewropea u tinvoka waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas*** ta' ***rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar previst f'dan ir-Regolament, filwaqt li l-fornitur*** ta' ***servizzi jenħtieġ li jippreserva d-data mitluba***. ***Meta l-awtorità ta' infurzar toġġezzjona, jenħtieġ li hija tinforma lill-awtorità emittenti***, ***lill-fornitur ta' servizzi u, meta jkun applikabbli, lill-awtorità affettwata b'tali deċiżjoni. Jekk l-awtorità ta' infurzar ma*** tkun ***invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati f'dan ir-Regolament fi żmien dak il-perjodu ta' 10 ijiem***, ***il-fornitur ta' servizzi li lilu*** tkun ***indirizzata l-ordni jenħtieġ li jkun obbligat li minnufih jiżgura*** li ***d-data mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti*** jew ***lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC***.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) F'każijiet ta' emerġenza, l-awtorità ta' infurzar jenħtieġ li tirrikonoxxi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva kkonċernata kienet ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' infurzar, fi żmien

24 siegħa wara l-wasla tal-EPOC, filwaqt li l-fornitur ta' servizzi jenħtieġ li jippreserva d-data mitluba. Jekk l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati f'dan ir-Regolament fi żmien dak il-perjodu ta' 24 siegħa, il-fornitur ta' servizzi li lilu tkun indirizzata l-ordni jenħtieġ li minnufih jiżgura li d-data mitluba tiġi trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 40b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40 b) Meta jkun ċar li l-persuna li d-data tagħha tkun meħtieġa la tkun qed tirrisjedi fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar, u l-awtorità affettwata temmen li teżisti waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li hija tinforma minnufih lill-awtorità ta' infurzar, abbażi ta' opinjoni motivata. Jenħtieġ li l-awtorità ta' infurzar tqis din l-opinjoni motivata.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Sabiex ***il-forniturі tas-servizzi***	(41) Sabiex ***l-awtorità ta' infurzar ta'***

jkunu jistgħu jindirizzaw problemi ***formali***, huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura għall-komunikazzjoni ***bejn il-fornitur tas-servizzi u l-awtorità ġudizzjarja emittenti*** f'każijiet fejn l-EPOC għandu mnejn ikun inkomplet jew ikun fih żbalji ovvji jew mhux biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi eżegwita l-Ordni***. Barra minn hekk, jekk il-fornitur tas-servizzi ma jipprovdix l-informazzjoni b'mod eżawrjenti u f'waqtu għal kwalunkwe raġuni oħra, pereżempju għax jaħseb*** li ***jkun hemm kunflitt ma' obbligu skont il-liġi ta' pajjiż terz, jew għax jaħseb*** li ***l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ma tkunx inħarġet skont il-kundizzjonijiet stabbiliti*** minn ***dan ir-Regolament, huwa għandu jmur lura għand l-awtoritajiet*** emittenti ***u jipprovdi l-ġustifikazzjonijiet xierqa.*** Il-proċedura ta' komunikazzjoni għalhekk jenħtieġ li tippermetti b'mod ġenerali l-korrezzjoni jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-EPOC mill-awtorità emittenti fi stadju bikri. Sabiex jiggarantixxi d-disponibbiltà tad-data, il-fornitur tas-servizzi jenħtieġ li jippreserva d-data ***jekk ikun jista' jidentifika d-data mfittxija***.

Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun tista' tindirizza problemi ***biha***, huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura għall-komunikazzjoni***, biex tintalab kjarifika jew, meta jkun meħtieġ, għall-korrezzjoni,*** f'każijiet fejn l-EPOC għandu mnejn ikun inkomplet ***fil-forma jew fil-kontenut,*** jew ikun fih żbalji ovvji jew mhux biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi eżegwita l-Ordni***, jew f'każijiet ta' forza maġġuri jew impossibbiltà de facto li ma tkunx attribwibbli lid-destinatarji.*** Il-proċedura ta' komunikazzjoni għalhekk jenħtieġ li tippermetti b'mod ġenerali l-korrezzjoni jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-EPOC mill-awtorità emittenti fi stadju bikri. ***Jenħtieġ li l-awtorità emittenti tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità emittenti, l-ordni jenħtieġ li titqies nulla u bla effett.*** Sabiex jiggarantixxi d-disponibbiltà tad-data, il-fornitur tas-servizzi jenħtieġ li jippreserva d-data ***mitluba matul il-proċedura, meta jkun possibbli***.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Malli ***jirċievi*** Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ("EPOC-PR"), ***il-fornitur tas-servizzi*** jenħtieġ li ***jippreserva d-data mitluba għal massimu*** ta' ***60 jum sakemm*** l-awtorità ***emittenti ma tinfurmax lill-fornitur*** tas-servizzi li hija ***tkun nediet il-proċedura għall-ħruġ ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni, f'liema każ il-preservazzjoni*** jenħtieġ li ***titkompla***. ***Il-***	(42) Malli ***tirċievi*** Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ("EPOC-PR"), ***l-awtorità ta' infurzar*** jenħtieġ li ***tirrikonoxxi l-EPOC-PR, trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva***

perjodu ta' 60 jum huwa kkalkulat sabiex jippermetti t-tnedija ta' talba uffiċjali. Dan jirrikjedi li minn tal-anqas ikunu ttieħdu xi passi formali, pereżempju billi tintbagħat talba ta' assistenza legali reċiproka għat-traduzzjoni. Wara li ***tasal dik l-informazzjoni***, ***id-data*** jenħtieġ li ***tiġi ppreservata*** għal kemm ikun meħtieġ ***sakemm tiġi prodotta d-data fil-qafas ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni***.

kkonċernata kienet ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' ***infurzar, fi żmien 10 ijiem wara l-wasla tal-EPOC-PR. Fi żmien dak il-perijodu ta' 10 ijiem,*** l-awtorità ***ta' infurzar jenħtieġ li tkun tista' toġġezzjona għall-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u tinvoka waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar prevista f'dan ir-Regolament, filwaqt li l-fornitur*** tas-servizzi ***jenħtieġ li jippreserva d-data mitluba. Meta l-awtorità ta' infurzar toġġezzjona, jenħtieġ*** li hija ***tinforma dwar tali deċiżjoni lill-awtorità emittenti u lill-fornitur ta' servizzi u l-preservazzjoni*** jenħtieġ li ***titwaqqaf minnufih***. ***Jekk l-awtorità*** ta' ***infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati f'dan ir-Regolament fi żmien dak il-perjodu*** ta' ***10 ijiem, il-fornitur tas-servizzi*** li ***lilu tkun indirizzata l-ordni jenħtieġ li jkompli jippreserva d-data għal perjodu*** ta' ***30 jum, li jista' jiġġedded darba***. ***Jekk l-awtorità emittenti fi żmien dak il-perjodu ta' 30 jum tikkonferma*** li ***l-EPOC sussegwenti inħareġ***, ***il-fornitur ta' servizzi*** jenħtieġ li ***jippreserva d-data*** għal kemm ikun meħtieġ ***għall-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. Jekk il-preservazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa, l-awtorità emittenti jenħtieġ li tinforma lid-destinatarji mingħajr dewmien eċċessiv.***

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Sabiex l-awtorità ta' infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun tista' tindirizza problemi biha, huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura għall-

komunikazzjoni, biex tintalab kjarifika jew, meta jkun meħtieġ, għall-korrezzjoni, f'każijiet fejn l-EPOC għandu mnejn ikun inkomplet fil-forma jew fil-kontenut, jew ikun fih żbalji ovvji jew mhux biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi eżegwita l-Ordni, jew f'każijiet ta' forza maġġuri jew impossibbiltà de facto li ma tkunx attribwibbli lid-destinatarji. Il-proċedura ta' kommunikazzjoni jenħtieġ għalhekk li tippermetti l-korrezzjoni jew ir-rikunsiderazzjoni tal-EPOC-PR mill-awtorità emittenti fi stadju bikri u b'mod wiesa'. Jenħtieġ li l-awtorità emittenti tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità emittenti, l-ordni jenħtieġ li titqies nulla u bla effett. Sabiex jiggarantixxi d-disponibbiltà tad-data, il-fornitur tas-servizzi jenħtieġ li jippreserva d-data mitluba matul il-proċedura, meta jkun possibbli.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Premessa 42b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42 b) Minkejja l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, l-awtorità ta' infurzar jenħtieġ li tkun tista' tiċħad ir-rikonoxximent ta' infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, meta tali ċaħda tkun ibbażata fuq raġunijiet speċifiċi kif elenkat f'dan ir-Regolament. Meta jkun applikabbli, l-awtorità affettwata jenħtieġ ukoll li tkun tista' ġġib tali raġunijiet għall-attenzjoni tal-awtorità ta' infurzar, abbażi ta' opinjoni motivata. Jenħtieġ li l-awtorità ta' infurzar tqis din l-opinjoni motivata.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Premessa 42c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42c) Il-prinċipju ta' ne bis in idem huwa prinċipju fundamentali tal-liġi fl-Unjoni, kif rikonoxxut mill-Karta u żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorità ta' infurzar tiċħad l-infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jekk l-infurzar tagħha jmur kontra dak il-prinċipju.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Premessa 42d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42d) Meta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun tinvolvi ksur ta' immunità jew privileġġ fl-Istat Membru ta' infurzar, jew, meta jkun applikabbli, fl-Istat affettwat, jenħtieġ li l-awtorità ta' infurzar tiċħad dik l-ordni. Ma hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi immunità jew privileġġ fil-liġi tal-Unjoni. Id-definizzjoni preċiża ta' dawk it-termini hija, għalhekk, imħollija għal-liġi nazzjonali, li tista' tinkludi protezzjonijiet li japplikaw għall-professjonijiet mediċi u legali. Din tista' tinkludi wkoll, anki jekk mhumiex neċessarjament meqjusa bħala forom ta' privileġġ jew immunità, regoli relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà

tal-espressjoni f'mezzi oħra tax-xandir.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) ***Il-fornituri tas-servizzi u r-rappreżentanti legali tagħhom jenħtieġ*** li ***jassiguraw il-kunfidenzjalità u meta jintalbu mill-awtorità emittenti, joqogħdu lura milli jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha sabiex jissalvagwardjaw l-investigazzjoni ta' reati kriminali***, f'konformità mal-Artikolu ***23 tar-Regolament (UE) 2016/679[38]. Madankollu, l-informazzjoni tal-utent hija element essenzjali sabiex tippermetti rieżami*** u ***rimedju ġudizzjarju u*** jenħtieġ li ***tiġi pprovduta mill-awtorità jekk il-fornitur tas-servizzi jkun intalab biex ma jinfurmax lill-utent, fejn ma jkun hemm ebda riskju li jiġu pperikolati l-investigazzjonijiet*** li ***jkunu għaddejjin, skont il-miżura nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680[39]***.	(43) ***Peress li huwa element essenzjali*** li ***l-utent jiġi infurmat fir-rigward tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet ta' difiża biex rieżami effettiv u rimedju ġudizzjarju jkunu possibbli***, f'konformità mal-Artikolu ***6 tat-TUE*** u ***l-Karta,*** jenħtieġ li ***d-destinatarji jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha mingħajr dewmien indebitu. Meta jkunu qegħdin jinformaw lill-persuna, id-destinatarji jenħtieġ*** li ***jinkludu informazzjoni dwar kwalunkwe rimedju disponibbli kif imsemmi f'dan ir-Regolament***.
[38] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	[38] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
[39] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet	

kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Fuq talba debitament ġustifikata mill-awtorità emittenti, ibbażata fuq ordni tal-qorti, id-destinatarji jenħtieġ li joqogħdu lura milli jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, sabiex ma jostakolawx l-investigazzjoni tar-reat kriminali rilevanti. Meta l-awtorità emittenti titlob lid-destinatarji joqogħdu lura milli jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, fuq talba debitament ġustifikata mill-awtorità emittenti, fuq il-bażi ta' ordni tal-qorti, jenħtieġ li l-awtorità emittenti tinforma mingħajr dewmien indebitu lill-persuna li d-data tagħha tkun qiegħda titfittex taħt Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea bil-produzzjoni jew il-preservazzjoni tad-data. Dik l-informazzjoni tista' titħalla għal aktar tard fit-tul kemm ikun meħtieġ u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata u akkużata u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża u rimedji legali effettivi. L-informazzjoni lill-utent jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe rimedju disponibbli kif imsemmi f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Premessa 43b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43 b) Informazzjoni elettronika li tkun ġiet prodotta jew preservata minn Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jenħtieġ li ma tintużax għall-finijiet ta' proċedimenti għajr dawk li għalihom kienet inkisbet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Premessa 43c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43c) Meta tkun qed tiġi valutata l-ammissibbiltà tal-informazzjoni elettronika miksuba f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-qrati u l-imħallfin jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża u l-ġustizzja tal-proċedimenti. L-informazzjoni elettronika miksuba bi ksur ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun inammissibbli u l-użu ta' tali informazzjoni elettronika bħala prova jenħtieġ li jrendi l-proċedimenti interament inġusti.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Premessa 43d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43d) L-informazzjoni elettronika li tkun inġabret bi ksur ta' kwalunkwe kundizzjoni elenkata f'dan ir-Regolament jenħtieġ li titħassar minnufih. L-informazzjoni elettronika li ma tkunx għadha meħtieġa għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni li għaliha tkun ġiet prodotta jew preservata, jenħtieġ li titħassar minnufih ukoll. Għal dan il-għan jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien xierqa għat-tħassir tal-informazzjoni elettronika prodotta jew preservata jew għar-rieżami perjodiku tal-ħtieġa li tinħażen l-informazzjoni elettronika. Jenħtieġ li miżuri proċedurali jiżguraw li dawk il-limiti ta' żmien jiġu osservati. Jenħtieġ li l-persuna affettwata tiġi infurmata b'dan it-tħassir.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Premessa 43e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43e) Jekk dan jintalab mill-fornitur ta' servizzi, l-Istat emittenti jenħtieġ li jirrimborża l-ispejjeż ġustifikati mġarrba mill-fornitur ta' servizzi u relatati mal-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) F'każ ta' nuqqas ta' konformità mid-destinatarju, l-awtorità emittenti tista' tittrasferixxi l-Ordni kompluta, inkluża l-motivazzjoni dwar in-neċessità u l-proporzjonalità, akkumpanjata miċ-Ċertifikat, lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit id-destinatarju taċ-Ċertifikat. Dan l-Istat Membru jenħtieġ li jinfurzaha skont il-liġi nazzjonali tiegħu. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet monetarji effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' ksur tal-obbligi stabbiliti minn dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-proċedura ta' infurzar hija proċedura fejn id-destinatarju jista' jopponi l-infurzar abbażi ta' ċerti raġunijiet ristretti. L-awtorità ta' infurzar tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi u tinforza l-Ordni abbażi tal-istess raġunijiet, jew jekk japplikaw immunitajiet u privileġġi skont il-liġi nazzjonali tagħha jew jekk id-divulgazzjoni tista' timpatta l-interessi fundamentali tagħha bħas-sigurtà u d-difiża nazzjonali. L-awtorità ta' infurzar għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti qabel tirrifjuta li tirrikonoxxi jew tinforza l-ordni, abbażi ta' dawn ir-raġunijiet. F'każ ta' nuqqas ta'	***imħassar***

konformità, l-awtoritajiet jistgħu jimponu sanzjonijiet. Dawn is-sanzjonijiet jenħtieġ li jkunu proporzjonati anki fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi bħan-nuqqas ta' konformità ripetut jew sistemiku.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Minkejja l-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ma jinżammux responsabbli fl-Istati Membri ***għall-ħsara lill-utenti tagħhom jew lil partijiet terzi*** li ***tirriżulta esklussivament*** mill-konformità ***bona fide*** ma' EPOC jew ma' EPOC-PR.	(46) Minkejja l-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ma jinżammux responsabbli fl-Istati Membri ***għall-konsegwenzi*** li ***jirriżultaw*** mill-konformità ma' EPOC jew ma' EPOC-PR.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Minbarra l-individwi li tintalab id-data tagħhom, ***il-fornituri tas-servizzi u pajjiżi terzi*** jistgħu jiġu affettwati mill-miżura investigattiva. Biex tiġi assigurata l-korteżija fir-rigward tal-interessi sovrani ta' pajjiżi terzi, biex jiġi protett l-individwu kkonċernat u biex jiġu indirizzati l-obbligi konfliġġenti fuq il-fornituri tas-servizzi, dan l-istrument jipprovdi mekkaniżmu speċifiku għal stħarriġ ġudizzjarju fejn ***il-konformità ma' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea timpedixxi lill-fornituri tas-servizzi milli jikkonformaw ma' obbligu***	(47) Minbarra l-individwi li tintalab id-data tagħhom, ***il-liġijiet ta' pajjiż terz*** jistgħu jiġu affettwati mill-miżura investigattiva. Biex tiġi assigurata l-korteżija fir-rigward tal-interessi sovrani ta' pajjiżi terzi, biex jiġi protett l-individwu kkonċernat u biex jiġu indirizzati l-obbligi konfliġġenti fuq il-fornituri tas-servizzi, dan l-istrument jipprovdi mekkaniżmu speċifiku għal stħarriġ ġudizzjarju fejn ***l-awtorità ta' infurzar, waħedha jew f'isem il-fornitur tas-servizzi jew, meta jkun applikabbli, l-awtorità affettwata, tqis*** li ***l-***

legali li ***jirriżulta mil-liġi*** ta' ***Stat*** terz.

konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun konfliġġenti mal-liġijiet applikabbli ta' ***pajjiż*** terz ***li jipprojbixxi d-divulgazzjoni tad-data konċernata***.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Għal dan il-għan, kull meta ***d-destinatarju jqis*** li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea fil-każ speċifiku tinvolvi l-ksur ta' obbligu legali li jirriżulta mil-liġi ta' pajjiż terz, jenħtieġ li jinforma lill-awtorità emittenti ***permezz ta' oġġezzjoni motivata, billi juża l-formoli pprovduti***. L-awtorità emittenti mbagħad ***għandha*** tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***fid-dawl tal-oġġezzjoni motivata***, billi tikkunsidra ***l-istess*** kriterji li ***l-qorti kompetenti tkun trid issegwi. Fejn l-awtorità tiddeċiedi li żżomm l-Ordni***, ***il-proċedura jenħtieġ li tiġi rinvijata lill-qorti kompetenti***, ***kif notifikata mill-Istat Membru rilevanti***, li ***mbagħad tistħarreġ l-Ordni***.	(48) Għal dan il-għan, kull meta ***l-awtorità ta' infurzar, waħedha jew abbażi tal-kontribut mill-fornitur ta' servizzi jew, meta jkun applikabbli, l-awtorità affettwata, tqis*** li l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea*** fil-każ speċifiku tinvolvi l-ksur ta' obbligu legali li jirriżulta mil-liġi ta' pajjiż terz, ***l-awtorità ta' infurzar*** jenħtieġ li jinforma lill-awtorità emittenti***, fi żmien 10 ijiem minn meta tasal l-ordni***. L-awtorità emittenti mbagħad ***jenħtieġ li*** tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, fi żmien 10 ijiem minn meta jasal l-avviż***, billi tikkunsidra kriterji li ***jinkludu l-interessi protetti mil-liġi rilevanti, ir-rabta bejn il-kawża kriminali u l-pajjiż terz***, ***ir-rabta bejn il-fornitur ta' servizzi u l-pajjiż terz***, ***l-interessi tal-Istat investigattiv fil-ksib tal-informazzjoni elettronika u l-konsegwenzi possibbli għad-destinatarji tal-konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea. Matul din il-proċedura, id-data mitluba jenħtieġ li tiġi preservata meta jkun possibbli.***

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) L-awtorità emittenti jenħtieġ li tkun tista' tirtira, tikkonferma jew tadatta l-Ordni meta dan ikun meħtieġ, sabiex jingħata effett lill-kriterji rilevanti. Fil-każ tal-irtirar, l-awtorità emittenti jenħtieġ li minnufih tinforma lid-destinatarji bl-irtirar. Meta l-awtorità emittenti tiddeċiedi li tikkonferma l-Ordni, jenħtieġ li hija tinforma lid-destinatarji bid-deċiżjoni tagħha. L-awtorità ta' infurzar, filwaqt li tqis debitament id-deċiżjoni tal-awtorità emittenti, jenħtieġ li tieħu deċiżjoni finali abbażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, fi żmien 10 ijiem minn meta tasal id-deċiżjoni tal-awtorità emittenti, u tinforma lill-awtorità emittenti, lill-fornitur ta' servizzi u, meta jkun applikabbli, lill-Istat affettwat bid-deċiżjoni finali tagħha.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' obbligu konfliġġenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ li jkun qiegħed jiġi eżaminat, ***il-qorti kompetenti jenħtieġ li tibbaża fuq għarfien espert estern xieraq fejn meħtieġ, pereżempju jekk l-istharriġ iqajjem mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tal-liġi*** tal-pajjiż terz ***ikkonċernat. Dan jista' jinkludi konsultazzjoni mal-awtoritajiet ċentrali ta' dak il-pajjiż***.	(49) Sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' obbligu konfliġġenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ li jkun qiegħed jiġi eżaminat, ***l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' infurzar jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni mill-awtorità kompetenti*** tal-pajjiż terz***, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680, safejn dan ma jostakolax l-iskadenzi previsti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-kompetenza esperta dwar l-interpretazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll permezz ta' opinjonijiet esperti fejn ikunu disponibbli. L-informazzjoni u l-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet ta' ***pajjiżi terzi*** u dwar il-proċeduri ***għall-kunflitti*** fl-Istati Membri jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq pjattaforma ċentrali bħall-proġett SIRIUS u/jew in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew***. Jenħtieġ*** li ***dan jippermetti lill-qrati li jibbenefikaw*** mill-esperjenza u l-kompetenza esperta miksuba ***minn qrati oħra*** dwar l-istess kwistjonijiet jew kwistjonijiet simili. Jenħtieġ li dan ma jipprevjenix konsultazzjoni mġedda mal-istat terz fejn ikun xieraq.	(50) Il-kompetenza esperta dwar l-interpretazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll permezz ta' opinjonijiet esperti fejn ikunu disponibbli. L-informazzjoni u l-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-liġijiet ta' ***pajjiż terz*** u dwar il-proċeduri ***għall-kunflitt*** fl-Istati Membri jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq pjattaforma ċentrali bħall-proġett SIRIUS u/jew in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew***, bil-għan*** li ***jsir użu siewi*** mill-esperjenza u l-kompetenza esperta miksuba dwar l-istess kwistjonijiet jew kwistjonijiet simili. Jenħtieġ li dan ma jipprevjenix konsultazzjoni mġedda mal-istat terz fejn ikun xieraq.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Fejn ikunu jeżistu obbligi konfliġġenti, jenħtieġ li l-qorti tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet konfliġġenti tal-pajjiż terz jipprojbux id-divulgazzjoni tad-data kkonċernata għar-raġuni li dan ikun neċessarju sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jew l-interessi fundamentali tal-pajjiż terz relatati mad-difiża jew mas-sigurtà nazzjonali. Fit-	***imħassar***

twettiq ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-qorti tikkunsidra jekk il-liġi tal-pajjiż terz, pjuttost milli tkun maħsuba sabiex tipproteġi d-drittijiet fundamentali jew l-interessi fundamentali tal-pajjiż terz relatati mad-difiża jew mas-sigurtà nazzjonali, tfittixx manifestament li tipproteġi interessi oħra jew għandhiex l-għan li tipproteġi attivitajiet illegali mit-talbiet ta' infurzar tal-liġi fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali. Fejn il-qorti tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet konfliġġenti tal-pajjiż terz jipprojbixxu d-divulgazzjoni tad-data kkonċernata għar-raġuni li dan ikun meħtieġ biex jiġu mħarsa jew id-drittijiet fundamentali tal-individwi kkonċernati jew inkella l-interessi fundamentali tal-pajjiż terz relatati mad-difiża jew mas-sigurtà nazzjonali, jenħtieġ li tikkonsulta lill-pajjiż terz permezz tal-awtoritajiet ċentrali tiegħu, li diġà huma stabbiliti għal skopijiet ta' assistenza legali reċiproka f'bosta partijiet tad-dinja. Jenħtieġ li tistabbilixxi skadenza biex il-pajjiż terz iqajjem oġġezzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea; jekk l-awtoritajiet tal-pajjiż terz ma jirrispondux sal-iskadenza (estiża) minkejja tfakkira li tinfurmahom bil-konsegwenzi jekk ma jipprovdux tweġiba, il-qorti żżomm l-Ordni. Jekk l-awtoritajiet tal-pajjiż terz joġġezzjonaw għad-divulgazzjoni, jenħtieġ li l-qorti tneħħi l-Ordni.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Fil-każijiet l-oħra kollha ta' obbligi konfliġġenti, mhux relatati mad-drittijiet fundamentali tal-individwu jew l-	***imħassar***

interessi fundamentali tal-pajjiż terz relatati mad-difiża jew mas-sigurtà nazzjonali, jenħtieġ li l-qorti tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar jekk iżżommx l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea billi tiżen għadd ta' elementi li huma mfassla sabiex jaċċertaw is-saħħa tal-konnessjoni ma' xi waħda miż-żewġ ġurisdizzjonijiet involuti, l-interessi rispettivi tal-ksib jew tal-prevenzjoni tad-divulgazzjoni tad-data, u l-konsegwenzi possibbli għall-fornitur tas-servizzi li jkollu jikkonforma mal-Ordni. Importanti għar-reati ċibernetiċi, il-post fejn ikun twettaq ir-reat ikopri kemm il-post(ijiet) fejn tkun ittieħdet l-azzjoni kif ukoll il-post(ijiet) fejn immaterjalizzaw ruħhom l-effetti tar-reat.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9 huma applikabbli wkoll fejn ikun hemm obbligi konfliġġenti li joħorġu mil-liġi ta' pajjiż terz. Matul din il-proċedura, id-data jenħtieġ li tiġi ppreservata. Fejn l-Ordni tiġi mneħħija, tista' tinħareġ Ordni ta' Preservazzjoni ġdida biex tippermetti lill-awtorità emittenti tfittex il-produzzjoni tad-data permezz ta' kanali oħra, bħall-assistenza legali reċiproka.	***imħassar***

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) ***Huwa essenzjali li l-persuni kollha li d-data tagħhom tiġi mitluba f'investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali jkollhom aċċess għal rimedju legali effettiv,*** f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***. Għall-persuni suspettati u l-persuni akkużati, id-dritt*** għal ***rimedju effettiv jenħtieġ li jiġi eżerċitat matul il-proċedimenti kriminali. Dan jista' jaffettwa l-ammissibbiltà***, ***jew skont kif ikun il-każ, l-importanza fil-proċedimenti***, ***tal-evidenza miksuba b'dawn il-mezzi. Barra minn hekk, huma jibbenefikaw mill-garanziji proċedurali kollha applikabbli għalihom, bħad-dritt għall-informazzjoni. Persuni oħra, li ma jkunux persuni suspettati jew akkużati, jenħtieġ li jkollhom ukoll id-dritt għal rimedju effettiv. Għalhekk***, ***bħala minimu, jenħtieġ li tiġi pprovduta*** l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità ***ta' Ordni*** ta' Produzzjoni Ewropea***, inkluži n-neċessità u l-proporzjonalità tal-Ordni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jillimitax ir-raġunijiet possibbli sabiex tiġi kkontestata l-legalità tal-Ordni. Dawn ir-rimedji*** jenħtieġ li ***jiġu eżerċitati*** fl-Istat emittenti ***skont il-liġi nazzjonali. Ir-regoli dwar l-eżenzjoni proviżorja jenħtieġ li*** jiġu ***regolati mil-liġi nazzjonali***.	(54) F'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***huwa essenzjali li l-persuni kollha li d-data tagħhom tkun ġiet mitluba permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jkollhom id-dritt*** għal ***rimedji effettivi kontra tali Ordnijiet fl-Istat emittenti u fl-Istat ta' infurzar f'konformità mal-liġi nazzjonali***, ***inkluża l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità ta' Ordni***, ***u mingħajr preġudizzju għar-rimedji disponibbli skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680***. ***Ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-Ordni*** ta' Produzzjoni Ewropea jew ***l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea*** jenħtieġ li ***jiġu kkontestati*** fl-Istat emittenti, ***mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat ta' infurzar. L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' infurzar jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-opzjonijiet biex jittieħdu rimedji ġuridiċi skont il-liġi nazzjonali tingħata fi żmien debitu, inkluż dwar meta tali rimedji jsiru applikabbli, u jiżguraw li huma jkunu jistgħu*** jiġu ***eżerċitati b'mod effettiv***.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Barra minn hekk, waqt il-proċedura ta' infurzar u r-rimedju legali sussegwenti, id-destinatarju jista' jopponi	***imħassar***

l-infurzar ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea għal għadd ta' raġunijiet limitati, fosthom li ma tkunx maħruġa jew ivvalidata minn awtorità kompetenti jew tkun evidenti li tikser b'mod ċar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew tkun manifestament abbużiva. Pereżempju, Ordni li titlob il-produzzjoni ta' data ta' kontenut dwar klassi mhux definita ta' persuni f'żona ġeografika jew mingħajr l-ebda rabta ma' proċedimenti kriminali konkreti, tkun tinjora b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi għall-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. Skont l-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 16(1) TFUE, kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardah. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jassiguraw li d-data personali tiġi protetta u tkun tista' tiġi pproċessata biss skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tressqet 'il fuq (premessa 11a (ġdida).

Emenda 75

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Id-data personali miksuba skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata biss meta dan ikun meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, identifikazzjoni u prosekuzzjoni ta' atti kriminali jew l-infurzar ta' sanzjonijiet kriminali u l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jassiguraw li japplikaw politiki u miżuri xierqa ta' protezzjoni tad-data għat-trażmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet rilevanti lill-fornituri ta' servizzi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi miżuri sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tad-data. Il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jassiguraw l-istess ħaġa għat-trażmissjoni ta' data personali lill-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għal informazzjoni li fiha data personali li tista' tinkiseb permezz ta' proċessi ta' awtentikazzjoni. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu ta' mekkaniżmi sabiex tiġi assigurata l-awtentikazzjoni, bħas-sistemi nazzjonali notifikati ta' identifikazzjoni elettronika jew is-servizzi fiduċjarji kif previsti mir-Regolament (UE) 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tressqet 'il fuq (premessa 11b (ġdida) u premessa 39).

Emenda 76

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament li jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ***ta' miżuri oħra possibbli***. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar b'mod regolari u sabiex tinforma l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(58) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament li jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar b'mod regolari u sabiex tinforma l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) L-użu ta' formoli tradotti minn qabel u standardizzati jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni ***bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji*** u ***l-fornituri tas-servizzi, li jippermettilhom jassiguraw u jittrażmettu l-evidenza elettronika b'aktar ħeġġa*** u ***b'mod*** aktar ***effettiv, filwaqt li jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti neċessarji tas-sigurtà*** b'mod faċli għall-utent. Huma jnaqqsu l-kostijiet tat-traduzzjoni u jikkontribwixxu għal standard għoli ta' kwalità. Bl-istess mod, il-formoli ta' risposta ***huma mistennija*** li jippermettu skambju standardizzat tal-informazzjoni***, b'mod partikolari fejn il-fornituri ta' servizz ma jkunux jistgħu jikkonformaw minħabba li l-kont ma jkunx jeżisti jew għax ma tkun disponibbli ebda data***. ***Il-formoli huma mistennija*** wkoll ***li*** jiffaċilitaw il-ġbir tal-	(59) L-użu ta' formoli tradotti minn qabel u standardizzati jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni***,*** u ***dan jippermetti trażmissjoni aktar mgħaġġla*** u aktar ***effettiva tal-informazzjoni elettronika*** b'mod faċli għall-utent. Huma ***jistgħu ukoll*** inaqqsu l-kostijiet tat-traduzzjoni u jikkontribwixxu għal standard għoli ta' kwalità. Bl-istess mod, il-formoli ta' risposta ***jenħtieġ*** li jippermettu skambju standardizzat tal-informazzjoni. ***Jenħtieġ li l-formoli*** wkoll jiffaċilitaw il-ġbir tal-istatistika.

istatistika.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-ħtieġa possibbli ta' titjib fir-rigward tal-kontenut tal-EPOCs u tal-EPOC-PRs u tal-Formola li trid tintuża sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-impossibbiltà ta' eżekuzzjoni tal-EPOC jew tal-EPOC-PR, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[40]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.**	***imħassar***

[40] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Jenħtieġ li l-miżuri bbażati fuq dan ir-Regolament ma jissostitwixxux l-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej skont id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] sabiex tinkiseb ***evidenza*** elettronika. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħżlu l-għodda l-aktar adatta għas-sitwazzjoni tagħhom; huma għandhom mnejn ikunu jippreferu jużaw l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea meta jitolbu sett ta' tipi differenti ta' miżuri investigattivi li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-produzzjoni ta' ***evidenza*** elettronika minn Stat Membru ieħor.	(61) Jenħtieġ li l-miżuri bbażati fuq dan ir-Regolament ma jissostitwixxux l-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej skont id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] sabiex tinkiseb ***informazzjoni*** elettronika. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jagħżlu l-għodda l-aktar adatta għas-sitwazzjoni tagħhom; huma għandhom mnejn ikunu jippreferu jużaw l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea meta jitolbu sett ta' tipi differenti ta' miżuri investigattivi li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-produzzjoni ta' ***informazzjoni*** elettronika minn Stat Membru ieħor.
[41] Id-Direttiva 2014/41/UE tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).	[41] Id-Direttiva 2014/41/UE tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi, fi ftit snin jistgħu jipprevalu forom ġodda ta' għodod ta' komunikazzjoni, jew jistgħu jitfaċċaw lakuni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa importanti li jiġi previst rieżami dwar l-applikazzjoni tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittejbu l-assigurazzjoni u l-ksib ta' ***evidenza*** elettronika minn fruntiera għall-oħra, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tiegħu, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(63) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittejbu l-assigurazzjoni u l-ksib ta' ***informazzjoni*** elettronika minn fruntiera għall-oħra, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tiegħu, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ***[ir-Renju Unit/***l-Irlanda ***nnotifika(t)*** ix-xewqa ***tiegħu/***tagħha li ***jieħu/***tieħu parti fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***] jew [u*** mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit***/l-Irlanda*** mhuwiex***/mhijiex*** qed	(64) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda ***nnotifikat*** ix-xewqa tagħha li tieħu parti fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu parti fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut

jieħu***/tieħu*** parti fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex***/mhijiex*** marbut***(a)*** bih jew soġġett***(a)*** għall-applikazzjoni tiegħu.***]***.	bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ta' Stat Membru tista' tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni, jipproduċi jew jippreserva ***evidenza*** elettronika, irrispettivament mill-post fejn tkun tinstab id-data. ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali li jobbligaw lill-fornituri tas-servizzi stabbiliti jew rappreżentati fit-territorju tagħhom li jikkonformaw ma' miżuri nazzjonali simili.***	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li bihom awtorità ta' Stat Membru tista' tordna fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni, jipproduċi jew jippreserva ***informazzjoni*** elettronika ***fi proċedimenti kriminali***, irrispettivament mill-post fejn tkun tinstab id-data.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Il-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea jista' jintalab minn persuna suspettata jew akkużata, jew minn avukat f'isimha, fi ħdan il-qafas tad-drittijiet ta' difiża applikabbli f'konformità mal-proċeduri kriminali nazzjonali.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "Ordni ta' Produzzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni ***vinkolanti*** minn awtorità ***emittenti*** ta' Stat Membru li tobbliga fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni u li jkun stabbilit jew rappreżentat fi Stat Membru ieħor, sabiex jipproduċi ***evidenza*** elettronika;	(1) "Ordni ta' Produzzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni ***ġudizzjarja li tkun inħarġet jew ġiet validata*** minn awtorità ***ġudizzjarja*** ta' Stat Membru ***("l-Istat emittenti")*** li tobbliga fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni u li jkun stabbilit jew ***legalment*** rappreżentat fi Stat Membru ieħor ***marbut b'dan ir-Regolament ("l-Istat ta' infurzar")***, sabiex jipproduċi ***informazzjoni*** elettronika;

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni ***vinkolanti*** minn awtorità ***emittenti*** ta' Stat Membru li tobbliga fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni u li jkun stabbilit jew rappreżentat fi Stat Membru ieħor, sabiex jippreserva ***evidenza*** elettronika fid-dawl ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni;	(2) "Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea" tfisser deċiżjoni ***ġudizzjarja li tkun inħarġet jew ġiet ivvalidata*** minn awtorità ***ġudizzjarja*** ta' Stat Membru ***("l-Istat emittenti")*** li tobbliga fornitur tas-servizzi li joffri servizzi fl-Unjoni u li jkun stabbilit jew ***legalment*** rappreżentat fi Stat Membru ieħor ***marbut b'dan ir-Regolament ("l-Istat ta' infurzar")***, sabiex jippreserva ***informazzjoni*** elettronika fid-dawl ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni;

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "fornitur tas-servizzi" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi waħda jew aktar mill-kategoriji ta' servizzi li ġejjin:	(3) "fornitur tas-servizzi" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi waħda jew aktar mill-kategoriji ta' servizzi li ġejjin ***u li taġixxi bħala kontrollur tad-data skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679***:

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) servizzi ta' ismijiet ta' dominji tal-internet u ta' numerazzjoni tal-IP bħall-forniturі ta' indirizzi IP, reġistri ta' ismijiet ta' dominji***,** reġistraturi ta' ismijiet ta' dominji ***u servizzi relatati ta' privatezza u proxy***;	(c) servizzi ta' ismijiet ta' dominji tal-internet u ta' numerazzjoni tal-IP bħall-forniturі ta' indirizzi IP, reġistri ta' ismijiet ta' dominji ***u*** reġistraturi ta' ismijiet ta' dominji;

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***"stabbiliment"*** tfisser ***jew it-twettiq propju ta' attività ekonomika għal perjodu indefinit permezz ta' infrastruttura stabbli minn fejn jitwettaq in-negozju*** ta' ***forniment tas-servizzi jew inkella infrastruttura stabbli minn fejn jiġi***	(5) ***"stabbiliment prinċipali"*** tfisser***, fir-rigward ta' fornitur tas-servizzi bi stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fl-Unjoni, għajr jekk id-deċiżjonijiet dwar l-għanijiet u l-mezzi tal-***

mmaniġġjat in-negozju;	***ipproċessar tad-data personali jittieħdu fi stabbiliment ieħor tal-kontrollur fl-Unjoni u dan l-istabbiliment tal-aħħar ikollu s-setgħa li jesiġi l-implimentazzjoni*** ta' ***tali deċiżjonijiet, u f'dan il-każ l-istabbiliment li jkun ħa tali deċiżjonijiet għandu jitqies bħala l-istabbiliment ewlieni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq id-definizzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 (Artikolu 4(16(a))).

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***"evidenza*** elettronika" tfisser ***l-evidenza maħżuna f'forma elettronika minn jew f'isem*** fornitur tas-servizzi fiż-żmien meta ***jasal ċertifikat ta'*** ordni ta' produzzjoni jew ta' preservazzjoni, li ***tikkonsisti minn data maħżuna dwar l-abbonati***, ***data*** ta' ***aċċess, data dwar it-tranżazzjonijiet u data ta' kontenut***;	(6) ***"informazzjoni*** elettronika" tfisser ***id-data dwar l-abbonat, it-traffiku jew il-kontenut maħżuna minn*** fornitur tas-servizzi fiż-żmien meta ***tinħareġ*** Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni ***Ewropea***, li ***tista' sservi bħala evidenza matul investigazzjoni***, ***prosekuzzjoni u proċedimenti legali fir-rigward*** ta' ***reat kriminali fi Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali***;

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "data dwar l-abbonati" tfisser kwalunkwe data relatata ***ma':***	(7) "data dwar l-abbonati" tfisser kwalunkwe data relatata ***mal-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz postali jew ġeografiku, id-data dwar il-kontijiet u l-***

	ħlas, it-telefon, jew l-indirizz elettroniku pprovduti, li jiżvelaw l-identità tal-abbonat jew tal-klijent;
(a) l-identità ta' abbonat jew klijent bħall-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz postali jew ġeografiku, id-data dwar il-kontijiet u l-ħlas, it-telefown, jew l-indirizz elettroniku pprovduti;	
(b) it-tip ta' servizz u d-durata tiegħu, inkluża data teknika u data li tidentifika l-miżuri tekniċi relatati jew l-interfaċċji użati mill-abbonat jew mill-klijent jew provduti lilu, u data relatata mal-validazzjoni tal-użu tas-servizz, eskluża l-passwords jew mezzi ta' awtentikazzjoni oħra użati minflok password li jiġu pprovduti minn utent, jew jinħolqu fuq talba ta' utent;	
	Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "data ***ta' aċċess"*** tfisser data relatata ***mal-bidu u t-tmiem ta' sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz, li hija strettament neċessarja għall-iskop biss li tidentifika l-utent tas-servizz, bħad-data u l-ħin tal-użu, jew il-log-in u l-log-off mis-servizz, flimkien mal-indirizz IP allokat mill-fornitur tas-servizz ta' aċċess għall-internet lill-utent ta' servizz, data li tidentifika l-interfaċċa użata u l-ID tal-utent. Din tinkludi l-metadata tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif definita fil-punt (g) tal-Artikolu 4(3) tar-[Regolament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi];***	(8) "data ***dwar it-traffiku"*** tfisser ***kwalunkwe*** data relatata ***ma':***
	Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) it-tip ta' servizz u d-durata tiegħu, inkluża data teknika u data li tidentifika l-miżuri tekniċi relatati jew l-interfaċċji użati mill-abbonat jew mill-klijent jew provduti lilu, u data relatata mal-validazzjoni tal-użu tas-servizz, eskluži l-passwords jew mezzi ta' awtentikazzjoni oħra użati minflok password li jiġu pprovduti minn utent, jew jinħolqu fuq talba ta' utent;

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-bidu u t-tmiem ta' sessjoni ta' aċċess tal-utent għal servizz, bħad-data u l-ħin tal-użu, jew il-log-on u l-log-off mis-servizz, inklużi l-indirizzi IP;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) il-metadata tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif proċessata fin-netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi biex jiġi

	trażmess, distribwit jew skambjat il-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluża data użata biex jiġu ttraċċati u identifikati s-sors u d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni, data dwar il-post tat-tagħmir terminali fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u d-data, il-ħin, it-tul u t-tip ta' komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "data dwar it-tranżazzjonijiet" tfisser data relatata mal-forniment ta' servizz offrut minn fornitur tas-servizzi li sservi sabiex tipprovdi kuntest jew informazzjoni addizzjonali dwar dak is-servizz u hija ġġenerata jew ipproċessata permezz ta' sistema ta' informazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, bħas-sors u d-destinazzjoni ta' messaġġ jew tip ieħor ta' interazzjoni, data dwar il-lokalizzazzjoni tal-apparat, id-data, il-ħin, id-durata, id-daqs, ir-rotta, il-format, il-protokoll użat u t-tip ta' kompressjoni, sakemm dik id-data ma tikkostitwix data ta' aċċess. Din tinkludi l-metadata tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif definita fil-punt (g) tal-Artikolu 4(3) tar-[Regolament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi];	***imħassar***

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "data ta' kontenut" tfisser ***kwalunkwe data maħżuna f'format diġitali*** bħal kitba, vuċi, vidjows, stampi, u ħoss ***għajr data dwar l-abbonati, data ta' aċċess*** jew data dwar ***it-tranżazzjonijiet***;	(10) "data ta' kontenut" tfisser ***il-kontenut trażmess, distribwit jew skambjat permezz ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi,*** bħal kitba, vuċi, vidjows, stampi, u ħoss***; meta l-metadata ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jew protokolli oħrajn qed tiġi trażmessa, distribwita*** jew ***skambjata permezz tal-użu tas-servizzi rispettivi, iridu jiġu kkunsidrati bħala*** data dwar ***il-kontenut għas-servizz rispettiv***;

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "Stat tal-infurzar" tfisser l-Istat Membru li fih ***jirrisjedi jew ikun stabbilit id-destinatarju tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea*** jew ***tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u*** li ***lilu jiġu trażmessi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u ċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u ċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għall-infurzar***;	(13) "Stat tal-infurzar" tfisser l-Istat Membru li fih ***tiġi proċessata l-informazzjoni elettronika mill-kontrollur tad-data*** jew***,*** li ***fih fornitur tas-servizzi joffri servizzi fl-Istati Membri marbut b'dan ir-Regolament ma jkunx stabbilit f'dawk l-Istati Membri, fejn ir-rappreżentant legali tiegħu ikun stabbilit***;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "awtorità tal-infurzar" tfisser l-awtorità kompetenti fl-Istat tal-infurzar li lilha jiġu trażmessi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***u ċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea u*** ċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea mill-awtorità emittenti għall-infurzar;	(14) "awtorità tal-infurzar" tfisser l-awtorità kompetenti fl-Istat tal-infurzar li lilha jiġu trażmessi l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***jew*** iċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea mill-awtorità emittenti***,*** għall-infurzar ***tal-ordni f'konformità ma' dan ir-Regolament; meta jkun hekk previst mil-liġi nazzjonali, l-infurzar tal-ordni jista' jirrikjedi l-involviment proċedurali ta' qorti fl-Istat ta' infurzar***;

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) "Stat affettwat" tfisser l-Istat Membru ta' residenza permanenti tal-persuna affettwata, meta l-identità ta' dik il-persuna hija diġà magħrufa mill-awtorità emittenti u meta l-Istat ta' residenza permanenti tal-persuna la jkun l-Istat emittenti u lanqas l-Istat ta' infurzar;

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14 b) "awtorità affettwata" tfisser l-awtorità kompetenti fl-Istat affettwat li lilha jiġu trażmessi l-Ordni ta'

Produzzjoni Ewropea u ċ-Ċertifikat tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jekk ikun magħruf mill-awtorità emittenti li l-persuna affettwata la tkun qed tirrisjedi fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar, u li tkun responsabbli biex tqajjem kwalunkwe dubju dwar il-legalità ta' ordni mal-awtorità ta' infurzar;

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "każijiet ta' emerġenza" tfisser sitwazzjonijiet fejn ikun hemm theddida imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika ta' persuna ***jew għal infrastruttura kritika kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[46]***.	(15) "każijiet ta' emerġenza" tfisser sitwazzjonijiet fejn ikun hemm theddida imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika ta' persuna.
[46] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008. p. 75).	[46] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008. p. 75).

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal fornituri tas-servizzi li joffru servizzi ***fl-***	1. Dan ir-Regolament japplika għal fornituri tas-servizzi li joffru servizzi ***fi***

Unjoni.	***Stat Membru wieħed jew aktar marbuta b'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' ***Produzzjoni*** Ewropej jistgħu jinħarġu biss għal proċedimenti kriminali, kemm matul il-fażi ta' qabel il-proċess kif ukoll fil-fażi tal-proċess. L-Ordnijiet jistgħu jinħarġu wkoll fi ***proċediment*** relatati ma' reat kriminali li għalih persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli jew punita fl-Istat emittenti.	2. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' ***Preservazzjoni*** Ewropej jistgħu jinħarġu biss għal proċedimenti kriminali, kemm matul il-fażi ta' qabel il-proċess kif ukoll fil-fażi tal-proċess. L-Ordnijiet jistgħu jinħarġu wkoll fi ***proċedimenti*** relatati ma' reat kriminali li għalih persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli jew punita fl-Istat emittenti.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għal data dwar l-abbonati ***u data ta' aċċess*** tista' tinħareġ minn:	1. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għal data dwar l-abbonati tista' tinħareġ minn:
(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew	(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur ***indipendenti*** kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew
(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali. Ordni ta'	(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali. Ordni ta'

Produzzjoni Ewropea bħal din għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur fl-Istat emittenti.	Produzzjoni Ewropea bħal din għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur ***indipendenti*** fl-Istat emittenti. ***Meta jkun hekk previst mil-liġi nazzjonali, l-infurzar tal-ordni jista' jirrikjedi l-involviment proċedurali ta' qorti fl-Istat ta' infurzar;***

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għal data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u ta' kontenut tista' tinħareġ biss minn:	2. Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għal data dwar ***it-traffiku*** u ta' kontenut tista' tinħareġ biss minn:

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tinħareġ minn:	3. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tista' tinħareġ minn:
(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew	(a) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur ***indipendenti*** kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew
(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali	(b) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, tkun qiegħda taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali

b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali. Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ***bħal din*** għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur fl-Istat emittenti.	b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali. ***Tali*** Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tiġi vvalidata, wara eżami tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea skont dan ir-Regolament, minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur ***indipendenti*** fl-Istat emittenti. ***Meta jkun hekk previst mil-liġi nazzjonali, l-infurzar tal-ordni jista' jirrikjedi l-involviment proċedurali ta' qorti fl-Istat ta' infurzar.***
	Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tkun meħtieġa u proporzjonata għall-iskop tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) ***u*** tista' tinħareġ biss jekk ***tkun disponibbli miżura*** simili ***għall-istess reat kriminali f'sitwazzjoni domestika komparabbli fl-Istat emittenti***.	2. L-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea għandha tkun meħtieġa u proporzjonata għall-iskop tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2)***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata. Hija*** tista' tinħareġ biss jekk ***setgħet ġiet ordnata taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ intern*** simili ***u fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti li jagħtu lok għal ċertu livell ta' suspett li d-delitt ikun twettaq biex jiġġustifika l-produzzjoni transfruntiera tad-data***.
	Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej sabiex tiġi prodotta data dwar l-abbonati ***jew data ta' aċċess*** jistgħu jinħarġu għar-reati kriminali kollha.	3. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej sabiex tiġi prodotta data dwar l-abbonati jistgħu jinħarġu għar-reati kriminali kollha.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej sabiex tiġi prodotta data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** jew data ta' kontenut jistgħu jinħarġu biss	4. L-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej sabiex tiġi prodotta data dwar ***it-traffiku*** jew data ta' kontenut jistgħu jinħarġu biss ***għar-reati kriminali punibbli fl-Istat emittenti permezz ta' priġunerija ta' massimu ta' mill-anqas 5 snin.***
(a) għal reati kriminali li fl-Istat emittenti jkunu punibbli b'piena ta' kustodja ta' perjodu massimu ta' minn tal-anqas 3 snin, jew	
(b) għar-reati li ġejjin, jekk jitwettqu kompletament jew parzjalment permezz ta' sistema tal-informazzjoni:	
– reati kif definiti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI[47] ;	
– reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48];	
– reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;	
(c) għar-reati kriminali kif definiti fl-Artikoli 3 sa 12 u 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] .	

[47] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1).

[48] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.)

[49] Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. Eċċezzjonalment, l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej li jinħarġu biex tiġi prodotta data dwar it-traffiku jew data ta' kontenut jistgħu jinħarġu wkoll għar-reati li ġejjin, meta tali miżura teżisti wkoll fl-Istat ta' infurzar għall-istess tip ta' reat:
	(a) għar-reati li ġejjin, jekk jitwettqu kompletament jew parzjalment permezz ta' sistema tal-informazzjoni,
	– reati kif definiti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA[1a] ;

– reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] ;

– reati kif definiti fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(b) għar-reati kriminali kif definiti fl-Artikoli 3 sa 12 u 14 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c] .

[1a] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1).

[1b] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.)

[1c] Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***id-destinatarju*** tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea kif imsemmi fl-	(b) ***id-destinatarji*** tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea kif imsemmi fl-

Artikolu 7;	Artikolu 7;

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kategorija tad-data mitluba (data dwar l-abbonati, data ***ta' aċċess, data*** dwar ***it-tranżazzjonijiet*** jew data ta' kontenut);	(d) il-kategorija tad-data mitluba (data dwar l-abbonati, data dwar ***it-traffiku*** jew data ta' kontenut);

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jekk applikabbli,*** il-medda taż-żmien mitluba li tiġi prodotta;	(e) il-medda taż-żmien mitluba li tiġi prodotta;

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) f'każ ta' emerġenza ***jew talba għad-divulgazzjoni aktar bikrija, ir-raġunijiet*** għaliha;	(g) f'każ ta' emerġenza ***ir-raġunijiet debitament ġustifikati*** għaliha;

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) f'każijiet fejn id-data mfittxija tkun maħżuna jew ipproċessata bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur tas-servizzi lil kumpanija jew entità oħra għajr persuni fiżiċi, konferma li l-Ordni tkun magħmula skont il-paragrafu 6;	***imħassar***

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ir-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura.	(i) ir-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata***.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet fejn id-data mfittxija tkun maħżuna jew ipproċessata bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur tas-servizzi lil kumpanija jew entità oħra għajr persuni fiżiċi, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tista' tiġi indirizzata lill-fornitur tas-servizzi biss meta l-miżuri	***imħassar***

investigattivi indirizzati lill-kumpanija jew lill-entità ma jkunux xierqa, b'mod partikolari minħabba li jistgħu jipperikolaw l-investigazzjoni.

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk l-awtorità emittenti jkollha raġunijiet sabiex temmen li, id-data dwar it-tranżazzjonijiet jew ta' kontenut mitluba tkun protetta b'immunitajiet u privileġġi mogħtija mil-liġi tal-Istat Membru fejn għandu l-indirizz id-destinatarju jew fejn huwa stabbilit, jew id-divulgazzjoni tagħha tista' timpatta l-interessi fundamentali ta' dak l-Istat Membru bħas-sigurtà u d-difiża nazzjonali, l-awtorità emittenti għandha tfittex kjarifika qabel toħroġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, inkluż billi tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, jew direttament jew inkella permezz tal-Eurojust jew tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew. Jekk l-awtorità emittenti ssib li d-data ta' aċċess, id-data dwar it-tranżazzjonijiet jew id-data ta' kontenut mitluba tkun protetta minn tali immunitajiet u privileġġi jew id-divulgazzjoni tagħha timpatta l-interessi fundamentali tal-Istat Membru l-ieħor, hija ma għandhiex toħroġ l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Hija tista' tinħareġ fejn dan ikun meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġu evitati t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika tad-data fid-dawl ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni ta' din id-data permezz ta' assistenza legali reċiproka, Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea jew Ordni ta' Produzzjoni Ewropea. L-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-preservazzjoni tad-data jistgħu jinħarġu għar-reati kriminali kollha.	2. Hija tista' tinħareġ fejn dan ikun meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġu evitati t-tneħħija, it-tħassir jew il-modifika tad-data fid-dawl ta' talba sussegwenti għall-produzzjoni ta' din id-data permezz ta' assistenza legali reċiproka, Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea jew Ordni ta' Produzzjoni Ewropea***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata***. L-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-preservazzjoni tad-data jistgħu jinħarġu għar-reati kriminali kollha***, jekk ikunu setgħu ġew ordnati taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ intern simili u fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti li jagħtu lok għal ċertu livell ta' suspett li d-delitt ikun twettaq biex jiġġustifika l-preservazzjoni tad-data***.

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***id-destinatarju*** tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea kif ***imsemmi*** fl-Artikolu 7;	(b) ***id-destinatarji*** tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea kif ***imsemmija*** fl-Artikolu 7;

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kategorija tad-data li għandha tiġi	(d) il-kategorija tad-data li għandha tiġi

ppreservata (data dwar l-abbonati, ***data ta' aċċess, data dwar it-tranżazzjonijiet*** jew data ta' kontenut);	ppreservata (data dwar l-abbonati, ***data dwar it-traffiku*** jew data ta' kontenut);

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jekk applikabbli,*** il-medda taż-żmien mitluba li tiġi ppreservata;	(e) il-medda taż-żmien mitluba li tiġi ppreservata;

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ir-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura.	(g) ir-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata***.

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Rappreżentant legali
	1. Meta fornitur ta' servizz li joffri servizzi

fl-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament jeħtiġilhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li dawn il-forniturі ta' servizzi jaħtru rappreżentant legali għar-riċeviment, għall-konformità u għall-infurzar ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bil-għan li tinġabar informazzjoni elettronika fi proċedimenti kriminali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun stabbilit f'wieħed mill-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament fejn il-fornitur ta' servizz jipprovdi s-servizzi tiegħu.

2. Meta fornitur ta' servizz li joffri servizzi fl-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament huwa stabbilit fi Stat Membru li mhux marbut b'dan ir-Regolament, l-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament jeħtiġilhom jistabbilixxu regoli li jirrikjedu li dan il-fornitur ta' servizz jaħtar rappreżentant legali għar-riċeviment, għall-konformità u għall-infurzar ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bil-għan li tinġabar informazzjoni elettronika fi proċedimenti kriminali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun stabbilit f'wieħed mill-Istati Membri marbutin b'dan ir-Regolament fejn il-fornitur ta' servizz jipprovdi s-servizzi tiegħu.

3. Mal-ħatra tar-rappreżentant legali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan il-fornitur ta' servizz jinnotifika bil-miktub lil dak l-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant legali tiegħu. In-notifika għandu jkun fiha l-ħatra u d-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant legali tiegħu kif ukoll kwalunkwe bidla fiha.

4. In-notifika għandha tispeċifika l-lingwa/i uffiċjali tal-Unjoni, kif inhu stipulat fir-Regolament 1/58, li fiha/fihom

ir-rappreżentant legali jista' jiġi indirizzat. Din għandha tinkludi, tal-anqas, waħda mil-lingwi aċċettata mill-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant legali.

5. L-informazzjoni, innotifikata lill-Istati Membri f'konformità ma' dan l-Artikolu, jeħtiġilha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq paġna tal-internet dedikata tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali. Din l-informazzjoni jeħtiġilha tiġi aġġornata regolarment.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur skont dan l-Artikolu u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Destinatarju ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea	***Destinatarji*** ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Ordni*** ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea	1. ***Għall-iskop ta' ġbir ta' informazzjoni elettronika fi proċedimenti***

għandhom jiġu indirizzati ***direttament lil rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizzi għall-iskop ta' ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali.***

kriminali, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea għandhom jiġu indirizzati ***b'mod dirett u simultanju***

(a) lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur ta' servizz fejn jinsab il-kontrollur tad-data jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant legali tiegħu; u

(b) lill-awtorità ta' infurzar.

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' servizz stabbilit fit-territorju tagħhom jinnotifika bil-miktub lil dak l-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-kontrollur tad-data tiegħu. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji tal-kuntatt tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur ta' servizz fejn jinsab il-kontrollur tad-data, kif ukoll kull tibdil li jsir fihom.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-informazzjoni, innotifikata lill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1a, għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq paġna tal-internet dedikata tan-Netwerk Ġudizzjarju

	Ewropew f'materji kriminali. Din l-informazzjoni jeħtiġilha tiġi aġġornata regolarment.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Meta jkun ċar li l-persuna, li d-data tagħha hija meħtieġa, la hija residenti fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jeħtiġilha, b'mod simultanju, tiġi indirizzata wkoll lill-awtorità affettwata.

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk ma jkunx inħatar rappreżentant legali ddedikat, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jistgħu jiġu indirizzati lil kwalunkwe stabbiliment tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ir-rappreżentant legali ma jikkonformax ma' EPOC f'każ ta' emerġenza skont l-Artikolu 9(2), l-EPOC jista' jiġi indirizzat lil kwalunkwe stabbiliment tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn ir-rappreżentant legali ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 9 jew 10 u l-awtorità emittenti tqis li jkun hemm riskju serju ta' telf tad-data, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jistgħu jiġu indirizzati lil kwalunkwe stabbiliment tal-fornitur tas-servizzi fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tiġi trażmessa ***lid-destinatarju*** kif definit fl-Artikolu 7 permezz ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR).	L-Ordni ta' Produzzjoni jew ta' Preservazzjoni Ewropea għandha tiġi trażmessa ***lid-destinatarji*** kif definit fl-Artikolu 7 permezz ta' Ċertifikat ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) jew Ċertifikat ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR).

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EPOC jew l-EPOC-PR għandhom jiġu trażmessi direttament bi kwalunkwe mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt kundizzjonijiet li ***jippermettu lid-destinatarju jistabbilixxi l-awtentiċità*** tiegħu.	L-EPOC jew l-EPOC-PR għandhom jiġu trażmessi direttament bi kwalunkwe mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt kundizzjonijiet li ***jagħtu prova tal-awtentiċità*** tiegħu ***lid-destinatarji***.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-fornituri tas-servizzi, l-Istati Membri jew il-korpi tal-Unjoni jkunu stabbilew pjattaformi ddedikati jew kanali siguri oħra għall-immaniġġjar tat-talbiet għad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, l-awtorità emittenti tista' tagħżel ukoll li tittrażmetti ċ-Ċertifikat permezz ta' dawn il-kanali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-EPOC għandu jinkludi l-	3. L-EPOC għandu jinkludi l-

informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(5)(a) sa ***(h)***, inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti ***lid-destinatarju*** jidentifika u jikkuntattja lill-awtorità emittenti. ***Ma għandhomx jiġu inklużi r-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura jew aktar dettalji dwar l-investigazzjonijiet.***	informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(5)(a) sa ***(i)***, inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti ***lid-destinatarji jidentifikaw u jikkuntattjaw*** lill-awtorità emittenti.
	Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EPOC-PR għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 6(3)(a) sa ***(f)***, inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti ***lid-destinatarju*** jidentifika u jikkuntattja lill-awtorità emittenti. ***Ma għandhomx jiġu inklużi r-raġunijiet għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura jew aktar dettalji dwar l-investigazzjonijiet.***	4. L-EPOC-PR għandu jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 6(3)(a) sa ***(g)***, inkluża informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti ***lid-destinatarji jidentifikaw u jikkuntattjaw*** lill-awtorità emittenti.
	Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Fejn ikun meħtieġ, l-EPOC*** jew l-EPOC-PR għandhom jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali ***tal-Unjoni aċċettata mid-destinatarju.*** Fejn ***ma tkun ġiet speċifikata l-ebda lingwa, l-EPOC*** jew ***l-EPOC-PR għandhom jiġu tradotti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru*** fejn ***jirrisjedi jew ikun stabbilit ir-***	5. ***L-EPOC*** jew l-EPOC-PR għandhom jiġu tradotti f'lingwa uffiċjali ***tal-Istat emittenti u,*** fejn ***applikabbli, tal-Istat affettwat*** jew ***fi kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat ta' infurzar u,*** fejn ***applikabbli, l-Stat affettwat, jaċċettaw f'konformità mal-paragrafu 5a***.

rappreżentant legali.

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Kwalunkwe Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, jiddikjara permezz ta' dikjarazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni li huwa jaċċetta traduzzjonijiet ta' EPOCs u EPOC-PRs f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni għajr il-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed id- għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha u tan-NĠE.

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Malli ***jirċievi*** l-EPOC, ***id-destinatarju għandu jassigura li d-data mitluba tiġi*** trażmessa ***direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikati fl-EPOC sa mhux aktar tard minn 10 ijiem minn meta jirċievi l-EPOC, sakemm l-awtorità emittenti ma tindikax raġunijiet għal divulgazzjoni aktar bikrija***.	1. Malli ***tirċievi*** l-EPOC, ***l-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tirrikonoxxi l-EPOC,*** trażmessa ***f'konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva kkonċernata kienet ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' infurzar, fi żmien 10 ijiem minn meta tirċievi l-EPOC***.

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. F'dak il-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li l-fornitur ta' servizz jeħtieġlu jippreserva d-data mitluba, l-awtorità ta' infurzar tista' toġġezzjona għall-EPOC u tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar previsti fl-Artikolu 10a. F'dan il-każ, jeħtiġilha tinforma tinforma lill-awtorità emittenti, lill-fornitur ta' servizz u, fejn applikabbli, lill-awtorità affettwata minn tali deċiżjoni.

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Jekk l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10a fi żmien il-perjodu ta' 10 ijiem, il-fornitur ta' servizzi li lilu tkun indirizzata l-ordni jeħtieġlu jiżgura li d-data mitluba tiġi b'mod immedjat trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***F'każijiet ta'*** emerġenza, ***id-destinatarju għandu jittrażmetti d-data mitluba*** mingħajr ***dewmien eċċessiv, sa mhux aktar tard*** minn ***6 sigħat minn meta jirċievi l-EPOC***.	2. ***F'każijiet ta'*** emerġenza, ***l-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tirrikonoxxi l-EPOC, trażmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament,*** mingħajr ***ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva kkonċernata kienet ġiet ordnata*** minn ***awtorità tal-Istat ta' infurzar, fi żmien 24 siegħa wara l-wasla tal-EPOC, filwaqt li l-fornitur ta' servizzi jeħtieġlu jippreserva d-data mitluba***.

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10a fi żmien il-perjodu ta' 10 sigħat imsemmi fil-paragrafu 2, il-fornitur ta' servizz indirizzat jeħtieġlu jiżgura li d-data mitluba tiġi b'mod immedjat trażmessa direttament lill-awtorità emittenti jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif indikat fl-EPOC.

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta jkun ċar li l-persuna li d-data tagħha tkun meħtieġa la tkun qed tirrisjedi fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar, u l-awtorità affettwata temmen li teżisti waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar elenkati fl-Artikolu 10a, jeħtiġilha tinforma minnufih lill-awtorità ta' infurzar, abbażi ta' opinjoni motivata. L-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tqis din l-opinjoni motivata.

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk ***id-destinatarju*** ma jkunx ***jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu minħabba*** li l-EPOC ikun inkomplet, ikun fih żbalji ovvji jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti ***għall-eżekuzzjoni*** tal-EPOC, ***id-destinatarju għandu jinforma*** lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC mingħajr dewmien eċċessiv u ***jitlob*** kjarifika, ***billi juża l-Formola stabbilita fl-Anness III. Huwa għandu jinforma lill-awtorità emittenti jekk kinitx possibbli identifikazzjoni u preservazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 6***. L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. L-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 1 ***u 2*** ma għandhomx japplikaw sakemm tiġi pprovduta l-kjarifika.	3. Jekk l-EPOC ikun inkomplet, ikun fih żbalji ovvji***, fil-forma jew fil-kontenut,*** jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti ***għall-infurzar*** tal-EPOC, ***l-awtorità ta' infurzar, waħidha jew f'isem il-fornitur ta' servizz jew, fejn applikabbli, l-awtorità affettwata, jeħtiġilha tinforma*** lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC mingħajr dewmien eċċessiv u ***titlob*** kjarifika ***jew***, ***fejn meħtieġ, korrezzjoni mill-awtorità*** emittenti***, billi tuża l-Formola stabbilita fl-Anness III***. L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. L-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 1***, 1a, 1b, 2 u 2a*** ma għandhomx japplikaw sakemm tiġi pprovduta l-kjarifika. ***Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità emittenti, l-ordni jeħtiġilha titqies***

nulla u bla effett.

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk ***id-destinatarju*** ma ***jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu*** minħabba force majeure jew impossibbiltà de facto mhux attribwibbli ***lid-destinatarju*** jew, jekk ikun differenti, lill-fornitur tas-servizzi, b'mod partikolari minħabba li l-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha ma tkunx klijent tagħhom, jew id-data tkun tħassret qabel ma tirċievi l-EPOC, ***id-destinatarju għandu jinforma*** mingħajr dewmien eċċessiv lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC sabiex ***jispjega*** r-raġunijiet, billi ***juża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti, l-awtorità emittenti għandha tirtira l-EPOC.	4. Jekk ***id-destinatarji*** ma ***jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom*** minħabba *force majeure* jew impossibbiltà *de facto* mhux attribwibbli ***lid-destinatarji*** jew, jekk ikun differenti, lill-fornitur tas-servizzi, b'mod partikolari minħabba li l-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha ma tkunx klijent tagħhom, jew id-data tkun tħassret qabel ma tirċievi l-EPOC, ***l-awtorità ta' infurzar, waħidha jew f'isem il-fornitur ta' servizzi jew, fejn applikabbli, l-awtorità affettwata għandha tinforma*** mingħajr dewmien eċċessiv lill-awtorità emittenti msemmija fl-EPOC sabiex ***tispjega*** r-raġunijiet, billi ***tuża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti, l-awtorità emittenti għandha tirtira l-EPOC ***u tinforma lid-destinatarji bid-deċiżjoni tagħha***.

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każijiet kollha fejn id-destinatarju ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba, ma jipprovdihiex b'mod eżawrjenti jew ma jipprovdihiex sal-iskadenza, għal	***imħassar***

raġunijiet oħra, huwa għandu jinforma lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien eċċessiv u mhux aktar tard mill-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 dwar ir-raġunijiet għal dan billi juża l-Formola fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-ordni fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tas-servizzi u jekk ikun meħtieġ, tistabbilixxi skadenza ġdida għall-fornitur tas-servizzi sabiex jipproduċi d-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Koperta mill-Artikolu 10a (ġdid).

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk id-destinatarju jqis li l-EPOC ma jkunx jista' jiġi eżegwit għax abbażi tal-unika informazzjoni li tinsab fl-EPOC ikun evidenti li dan jikser b'mod ċar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew ikun abbużiv b'mod ċar, id-destinatarju għandu jibgħat ukoll il-Formola fl-Anness III lill-awtorità ta' infurzar kompetenti fl-Istat Membru tad-destinatarju. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità ta' infurzar kompetenti għandha tfittex kjarifiki mingħand l-awtorità emittenti dwar l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, jew direttament jew inkella permezz tal-Eurojust jew tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test ser jiġi inkluż fl-Artikolu 10a, li jelenka r-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew

in-nuqqas ta' infurzar.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Id-destinatarju*** għandu jippreserva d-data mitluba***, jekk ma jipproduċihiex immedjatament, sakemm l-informazzjoni fl-EPOC ma tippermettilux li jidentifika d-data mitluba, f'liema każ huwa għandu jfittex kjarifika skont il-paragrafu 3****. Il-preservazzjoni għandha tinżamm sakemm tiġi prodotta d-data, kemm jekk tkun abbażi tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea kjarifikata u ċ-Ċertifikat tagħha kif ukoll jekk permezz ta' kanali oħra, bħall-assistenza legali reċiproka. Jekk il-produzzjoni tad-data u l-preservazzjoni tagħha ma jkunux għadhom neċessarji, l-awtorità emittenti u fejn applikabbli skont l-Artikolu 14(8), l-awtorità tal-infurzar, għandha tinforma lid-destinatarju mingħajr dewmien eċċessiv.***	6. ***Matul il-proċedura msemmija fil-paragrafi 1, 1a, 1b, 2, 2a, 3 u 4, il-fornitur ta' servizz*** għandu jippreserva d-data mitluba.

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Malli ***jirċievi*** l-EPOC-PR, ***id-destinatarju għandu***, mingħajr ***dewmien eċċessiv, jippreserva d-data mitluba. Il-preservazzjoni għandha tieqaf wara 60 jum, sakemm l-awtorità emittenti ma tikkonfermax li tnediet it-talba susseġwenti għall-produzzjoni***.	1. Malli ***tirċievi l-EPOC-PR, l-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tirrikonoxxi*** l-EPOC-PR, ***tražmessa f'konformità ma' dan ir-Regolament***, mingħajr ***ma tirrikjedi ebda formalità ulterjuri u tiżgura l-infurzar tagħha bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva***

kkonċernata kienet ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' infurzar, fi żmien 10 ijiem minn meta tirċievi l-EPOC-PR.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. F'dak il-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li l-fornitur ta' servizz jeħtieġlu jippreserva d-data mitluba, l-awtorità ta' infurzar tista' toġġezzjona għall-EPOC-PR u tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar previsti fl-Artikolu 10a. F'dan il-każ, jeħtiġilha tinforma dwar tali deċiżjoni lill-awtorità emittenti u lill-fornitur ta' servizzi u jeħtieġ li l-preservazzjoni titwaqqaf minnufih.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Jekk l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10a fi żmien dak il-perjodu ta' 10 ijiem, il-fornitur ta' servizzi li lilu tkun indirizzata l-ordni jeħtieġlu jkompli jippreserva d-data għal perjodu ta' 30 jum li jista' jiġġedded darba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

30 jum huwa ż-żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, bil-possibbiltà li tiġi estiża għal 30 jum ieħor.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk ***fil-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1,*** l-awtorità emittenti tikkonferma li ***tkun tnediet it-talba sussegwenti għall-produzzjoni***, ***id-destinatarju għandu*** jippreserva d-data għal kemm ikun meħtieġ ***sabiex jipproduċi d-data ladarba tiġi nnotifikata t-talba sussegwenti għall-produzzjoni***.	2. Jekk l-awtorità emittenti tikkonferma li***, fi żmien dak il-perjodu ta' 30 jum imsemmi fil-paragrafu 1b***, ***inħarġet Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, il-fornitur ta' servizz jeħtieġlu*** jippreserva d-data għal kemm ikun meħtieġ ***għall-infurzar ta' din l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea skont l-Artikolu 9***.

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk il-preservazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa, l-awtorità emittenti għandha tinforma ***lid-destinatarju*** mingħajr dewmien eċċessiv.	3. Jekk il-preservazzjoni ma tkunx aktar meħtieġa, l-awtorità emittenti għandha tinforma ***lid-destinatarji*** mingħajr dewmien eċċessiv.

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk ***id-destinatarju*** ma ***jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu minħabba li ċ-Ċertifikat ikun inkomplet***, ***ikun fih żbalji ovvji*** jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti ***għall-eżekuzzjoni*** tal-EPOC-PR, ***id-destinatarju għandu jinforma*** lill-awtorità emittenti stabbilita fl-EPOC-PR mingħajr dewmien eċċessiv u ***jitlob*** kjarifika, billi ***juża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. ***Id-destinatarju għandu jassigura*** li ***minnaħa tiegħu, il-kjarifika*** meħtieġa tkun tista' tiġi riċevuta sabiex ***jissodisfa l-obbligu tiegħu stabbilit*** fil-paragrafu 1.	4. Jekk ***l-EPOC-PR*** ma ***tkunx kompleta, ikun fiha żbalji ovvji, fil-forma jew fil-kontenut***, jew ma jkunx fih informazzjoni suffiċjenti ***għall-infurzar*** tal-EPOC-PR, ***l-awtorità ta' infurzar, waħidha jew f'isem il-fornitur ta' servizzi, għandha tinforma*** lill-awtorità emittenti stabbilita fl-EPOC-PR mingħajr dewmien eċċessiv u ***titlob*** kjarifika ***jew, fejn meħtieġ, korrezzjoni mill-awtorità emittenti***, billi ***tuża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirreaġixxi b'ħeffa u sa mhux aktar tard minn 5 ijiem. ***Id-destinatarji għandhom jassiguraw*** li ***l-kjarifika*** meħtieġa tkun tista' tiġi riċevuta sabiex ***jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti*** fil-paragrafu 1***, 1a u 1b. Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità emittenti, l-ordni jeħtiġilha titqies nulla u bla effett.***

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk ***id-destinatarju*** ma ***jkunx jista' jikkonforma mal-obbligu tiegħu*** minħabba force majeure jew impossibbiltà de facto mhux attribwibbli ***lid-destinatarju*** jew, jekk ikun differenti, lill-fornitur tas-servizzi, b'mod partikolari minħabba li l-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha ma tkunx klijent tagħhom, jew id-data tkun tħassret qabel ma tirċievi l-Ordni, ***huwa għandu jikkuntattja*** mingħajr dewmien eċċessiv lill-awtorità emittenti stabbilita fl-EPOC-PR sabiex ***jispjega*** r-raġunijiet, billi ***juża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. Jekk dawn il-kundizzjonijiet	5. Jekk ***id-destinatarji*** ma ***jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom*** minħabba *force majeure* jew impossibbiltà *de facto* mhux attribwibbli ***lid-destinatarji*** jew, jekk ikun differenti, lill-fornitur tas-servizzi, b'mod partikolari minħabba li l-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha ma tkunx klijent tagħhom, jew id-data tkun tħassret qabel ma tirċievi l-Ordni, ***l-awtorità ta' infurzar, waħidha jew f'isem il-fornitur ta' servizzi, għandha tikkuntattja*** mingħajr dewmien eċċessiv lill-awtorità emittenti stabbilita fl-EPOC-PR sabiex ***tispjega*** r-raġunijiet, billi

jiġu ssodisfati, l-awtorità emittenti għandha tirtira l-EPOC-PR.	***tuża*** l-Formola stabbilita fl-Anness III. Jekk ***jiġu ssodisfati*** dawn il-kundizzjonijiet, l-awtorità emittenti għandha tirtira l-EPOC-PR ***u tinforma lid-destinatarji bid-deċiżjoni tagħha***.

Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fil-każijiet kollha fejn id-destinatarju ma jippreservax l-informazzjoni mitluba, għal raġunijiet oħra elenkati fil-Formola tal-Anness III, id-destinatarju għandu jinforma lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien eċċessiv, dwar ir-raġunijiet għal dan, fil-Formola stabbilita fl-Anness III. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-Ordni fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta mill-fornitur tas-servizzi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Koperta mill-Artikolu 10a (ġdid).

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Matul il-proċedura msemmija fil-paragrafi 1, 1a, 1b, 4 u 5, il-fornitur ta' servizz għandu jippreserva d-data mitluba.

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar
	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(2), ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' EPOC jew EPOC-PR għandhom jiġu rrifjutati mill-awtorità ta' infurzar, meta:
	(a) l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tmur kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem;
	(b) ikun hemm raġunijiet sostantivi għalxiex jitwemmen li l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun inkompatibbli mal-obbligi tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6 tat-TUE u l-Karta; jew
	(c) ikun hemm immunità jew privileġġ skont il-liġi tal-Istat ta' infurzar jew, fejn applikabbli, l-Istat affettwat;
	2. Flimkien mal-paragrafu 1, ir-rikonoxximent jew l-infurzar tal-EPOC jew tal-EPOC-PR jistgħu jiġu rrifjutati mill-awtorità ta' infurzar, meta:
	(a) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati;
	(b) l-EPOC jew l-EPOC-PR ma jkunux kompleti jew ikun ċar li huma inkorretti, fil-forma jew fil-kontenut, u ma jkunux tlestew jew ma jkunux ġew korretti wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fl-

Artikolu 9(3) u (4) u fl-Artikolu 10(4) u (5) ta' dan ir-Regolament;

(c) l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun ta' dannu għall-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali, tipperikola s-sors tal-informazzjoni jew tinvolvi l-użu ta' informazzjoni klassifikata relatata ma' attivitajiet speċifiċi ta' intelligence;

(d) l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea relatati ma' reat kriminali li allegatament twettaq barra mit-territorju tal-Istat Membru emittenti u l-liġi tal-Istat Membru ta' infurzar ma tippermettix prosekuzzjoni għall-istess reati meta jitwettqu barra mit-territorju tiegħu; meta l-EPOC jew l-EPOC-PR ikunu dwar reat kriminali li allegatament twettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' infurzar;

(e) l-għemil li fir-rigward tiegħu jkun inħareġ l-EPOC jew l-EPOC-PR ma jikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' infurzar, sakemm ma jikkonċernax reat elenkat fost il-kategoriji ta' reati mogħtija fl-Anness IIIa, kif indikat mill-awtorità emittenti fl-EPOC jew fl-EPOC-PR, jekk ikun punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-anqas tliet snin;

(f) l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun ristretta taħt il-liġi tal-Istat ta' infurzar għal lista jew kategorija ta' reati jew għal reati punibbli minn limitu minimu ogħla; jew

(g) il-konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew mal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun f'kunflitt mal-liġijiet applikabbli ta' pajjiż terz li jipprojbixxu d-divulgazzjoni tad-data kkonċernata f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-istat ta' infurzar.

3. Meta jkun ċar li l-persuna li d-data

tagħha tkun meħtieġa la tkun qed tirrisjedi fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar, u l-awtorità affettwata temmen li teżisti waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 10a, jeħtiġilha tinforma minnufih lill-awtorità ta' infurzar, abbażi ta' opinjoni motivata. L-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tqis din l-opinjoni motivata.

4. Il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għad-data u għall-indirizzi IP tal-abbonat.

5. Il-paragrafu 1(g) għandu jiġi applikat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15.

6. Fejn l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jikkonċernaw reat konness ma' taxxi jew dazji, dwana u kambju, l-awtorità ta' infurzar ma għandhiex tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-infurzar għar-raġuni li l-liġi tal-Istat ta' infurzar ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew m'għandhiex regolament dwar taxxa, dazju, dwana u kambju tal-istess tip bħal-liġi tal-Istat emittenti.

7. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew ma twettaqx l-ordni ta' konfiska, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' infurzar għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq li jkun jista' jipproduċi rekord bil-miktub, u għandha, meta jkun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

8. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(c) u fejn is-setgħa ta' rinunzja għal privileġġ jew immunità tkun tal-awtorità tal-Istat ta' infurzar, l-awtorità ta' infurzar għandha titolbu li teżerċita dik is-setgħa minnufih. Fejn tkun awtorità ta' Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali li jkollha s-setgħa li tirrinunzja għall-privileġġ jew l-immunità, għandha tkun l-awtorità emittenti li titlob lill-awtorità

konċernata biex din teżerċita dik is-setgħa.

9. L-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tinforma lill-awtorità emittenti dwar l-użu ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar hekk kif elenkat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, billi tuża l-formola li tinsab fl-Anness III.

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kunfidenzjalità u informazzjoni dwar l-utent	Informazzjoni dwar l-utent ***u kunfidenzjalità***

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-destinatarji ***u, jekk ikunu differenti, il-fornituri tas-servizzi għandhom*** jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw il-kunfidenzjalità tal-EPOC jew tal-EPOC-PR u tad-data prodotta jew ippreservata ***u fejn jintalbu mill-awtorità emittenti, għandhom iżommu lura milli jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, sabiex ma jfixklux il-proċedimenti kriminali rilevanti***.	1. Id-destinatarji ***jeħtiġilhom jinformaw, mingħajr ebda dewmien, lill-persuna li d-data tagħha tkun qiegħda tintalab. Meta jinformaw lill-persuna, id-destinatarji jeħtiġilhom jinkludu informazzjoni dwar kwalunkwe rimedju disponibbli hekk kif imsemmi fl-Artikolu 17 u jeħtiġilhom*** jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw il-kunfidenzjalità tal-EPOC jew tal-EPOC-PR u tad-data prodotta jew ippreservata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni għall-utent għandha dejjem tkun ir-regola ġenerali u għaldaqstant titqiegħed l-ewwel f'dan l-Artikolu.

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fuq talba debitament ġustifikata mill-awtorità emittenti, ibbażata fuq ordni tal-qorti, id-destinatarji jeħtiġilhom joqogħdu lura milli jinfurmaw lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, sabiex ma jostakolawx il-proċedimenti kriminali rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regola "gag" għandha tkun biss eċċezzjoni għar-regola ġenerali, imsemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-awtorità emittenti tkun talbet ***lid-destinatarju*** biex ***iżomm*** lura milli ***jinforma*** lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, l-awtorità emittenti għandha tinforma mingħajr dewmien eċċessiv lill-persuna li d-data tagħha tkun qiegħda titfittex bl-EPOC, dwar il-produzzjoni tad-data. Din l-informazzjoni tista' tiġi ttardjata sakemm ikun meħtieġ u proporzjonat sabiex ikun evitat li jiġu ostakolati l-proċedimenti kriminali	2. Fejn l-awtorità emittenti tkun talbet ***lid-destinatarji*** biex ***iżommu*** lura milli ***jinformaw*** lill-persuna li tkun qiegħda titfittex id-data tagħha, ***fuq talba debitament ġustifikata abbażi ta' ordni tal-qorti,*** l-awtorità emittenti għandha tinforma mingħajr dewmien eċċessiv lill-persuna li d-data tagħha tkun qiegħda titfittex bl-EPOC ***jew bl-EPOC-PR***, dwar il-produzzjoni ***jew il-preservazzjoni*** tad-data. Din l-informazzjoni tista' tiġi ttardjata sakemm ikun meħtieġ u proporzjonat

rilevanti.	sabiex ikun evitat li jiġu ostakolati l-proċedimenti kriminali rilevanti***, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-persuna suspettata u akkużata u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża u rimedji legali effettivi***.

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Limitazzjonijiet fl-użu tal-informazzjoni miksuba
	Informazzjoni elettronika li tkun ġiet prodotta jew preservata minn EPOC jew EPOC-PR m'għandhiex tintuża għall-finijiet ta' proċedimenti għajr dawk li għalihom kienet inkisbet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11b
	Ammissibilità u tħassir ta' informazzjoni elettronika
	1. L-informazzjoni elettronika li tkun inġabret bi ksur ta' dan ir-Regolament mhix ammissibbli quddiem qorti u jeħtiġilha titħassar minnufih.
	2. L-informazzjoni elettronika li ma tkunx għadha meħtieġa għall-investigazzjoni

	jew għall-prosekuzzjoni li għaliha tkun ġiet prodotta jew preservata, jeħtiġilha titħassar minnufih ukoll. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprevedu l-istabbiliment ta' limiti ta' żmien xierqa għat-tħassir tal-informazzjoni elettronika prodotta jew preservata jew għar-rieżami perjodiku tal-ħtieġa li tinħażen l-informazzjoni elettronika. Miżuri proċedurali għandhom jiżguraw li dawk il-limiti ta' żmien jiġu osservati. ***3. Il-persuna affettwata jeħtiġilha tiġi informata dwar dan it-tħassir.***

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur tas-servizzi jista' jitlob ir-rimborż tal-kostijiet tiegħu mingħand l-Istat emittenti***, jekk dan ikun previst mil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti għal ordnijiet domestiċi f'sitwazzjonijiet simili, skont dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali***.	***Jekk dan jintalab mill-fornitur ta' servizzi,*** l-Istat emittenti ***għandu jirrimborża l-ispejjeż ġustifikati mġarrba mill-fornitur ta' servizzi u relatati mal-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kapitolu 3: Sanzjonijiet u ***infurzar***	Kapitolu 3: Sanzjonijiet***, proċedura ta' rieżami*** u ***rimedji***

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet ***monetarji*** applikabbli għall-ksur tal-obbligi skont l-Artikoli 9, 10 u 11 ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ***monetarji*** previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tal-obbligi skont l-Artikoli 9, 10 u 11 ta' dan ir-Regolament ***fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi fit-territorju tagħhom*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minkejja l-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data, il-forniturі tas-servizzi m'għandhomx jinżammu responsabbli fl-Istati Membri għall-konsegwenzi li jirriżultaw mill-konformità ma' EPOC jew ma' EPOC-PR.

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura ta' infurzar mhix aktar meħtieġa minħabba l-involviment awtomatiku tal-awtorità ta' infurzar.

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Proċedura ta' rieżami f'każ ta' obbligi konfliġġenti mad-dritt ta' pajjiż terz
	1. Meta l-awtorità ta' infurzar, fuq azzjoni proprja jew fuq talba tal-fornitur ta' servizz jew, fejn applikabbli, abbażi ta' opinjoni ġustifikata mill-awtorità affettwata, tqis li l-konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew mal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun f'kunflitt mal-liġijiet applikabbli ta' pajjiż terz li jipprojbixxu l-iżvelar tad-data kkonċernata, hija għandha tinforma lill-awtorità emittenti fi żmien 10 ijiem minn meta tirċievi l-ordni.
	2. Dan l-avviż għandu jinkludi d-dettalji rilevanti kollha dwar il-liġi tal-pajjiż terz, l-applikabbiltà tagħha għall-każ inkwistjoni u n-natura tal-obbligu konfliġġenti.
	3. L-awtorità emittenti għandha tirrieżamina l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni

Ewropea u tinforma lid-destinatarji, fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi n-notifika, abbażi ta' dawn il-kriterji:

(a) l-interessi protetti mil-liġi rilevanti tal-pajjiż terz, inkluż drittijiet fundamentali kif ukoll interessi oħra li jipprevjenu l-iżvelar tad-data, b'mod partikolari l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-pajjiż terz;

(b) il-grad ta' konnessjoni tal-każ kriminali li għalih tkun inħarġet l-Ordni lill-ġurisdizzjoni tal-Istat emittenti u tal-pajjiż terz, kif indikat, fost oħrajn, minn:

(i) il-lokalizzazzjoni, in-nazzjonalità u r-residenza tal-persuna li d-data tagħha tkun qiegħda titfittex u/jew tal-vittma/i;

(ii) il-post fejn twettaq ir-reat kriminali inkwistjoni;

(c) il-grad ta' konnessjoni bejn il-fornitur tas-servizzi u l-pajjiż terz inkwistjoni; il-lokalità tal-ħażna tad-data waħedha m'għandhiex tkun biżżejjed sabiex jiġi stabbilit grad sostanzjali ta' konnessjoni;

(d) l-interessi tal-Istat emittenti sabiex jikseb l-informazzjoni elettronika kkonċernata, fuq il-bażi tal-gravità tar-reat u l-importanza li tinkiseb l-informazzjoni elettronika b'mod rapidu;

(e) il-konsegwenzi possibbli għad-destinatarji jekk jikkonformaw mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew mal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea, inklużi s-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuq il-fornituri ta' servizzi.

4. Fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi l-avviż, l-awtorità emittenti tista' tirtira, iżżomm jew tadatta l-Ordni fejn meħtieġ sabiex tagħti effett lil dawn il-kriterji. Għalhekk, l-awtorità emittenti tista' tikseb informazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680, sa fejn dan ma jostakolax l-iskadenzi previsti f'dan ir-Regolament. Fil-każ tal-irtirar, l-awtorità emittenti jeħtiġilha minnufih tinforma lid-

	destinatarji bl-irtirar.
	5. Meta l-awtorità emittenti tiddeċiedi li tikkonferma l-Ordni, jeħtiġilha tinforma lid-destinatarji bid-deċiżjoni tagħha. L-awtorità ta' infurzar, filwaqt li tqis debitament id-deċiżjoni tal-awtorità emittenti, jeħtiġilha tieħu deċiżjoni finali abbażi tal-kriterji elenkati fil-paragrafu 3, fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi d-deċiżjoni tal-awtorità emittenti, u tinforma lill-awtorità emittenti, lill-fornitur ta' servizzi u, meta jkun applikabbli, lill-Istat affettwat bid-deċiżjoni finali tagħha. L-awtorità ta' infurzar tista' tikseb informazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680, sa fejn dan ma jostakolax l-iskadenzi previsti f'dan ir-Regolament.
	6. Matul il-proċedura kollha msemmija fl-Artikolu 14a, il-fornitur ta' servizz għandu jippreserva d-data mitluba.

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kapitolu 4: Rimedji	***imħassar***

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni ***suspettati u l-persuni akkużati,*** li d-data tagħhom tkun inkisbet permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea, għandu jkollhom id-dritt għal rimedji effettivi kontra ***l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea waqt il-proċedimenti kriminali li għalihom tkun inħarġet l-Ordni***, mingħajr preġudizzju għar-rimedji disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2016/680 u r-Regolament (UE) 2016/679.	1. Il-persuni li d-data tagħhom tkun inkisbet permezz ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea ***jew Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea***, għandu jkollhom id-dritt għal rimedji effettivi kontra ***Ordnijiet bħal dawn fl-Istat emittenti u ta' infurzar f'konformità mad-dritt nazzjonali***, mingħajr preġudizzju għar-rimedji disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2016/680 u r-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-persuna li tkun inkisbet id-data tagħha ma tkunx persuna suspettata jew akkużata fi proċedimenti kriminali li	***imħassar***

għalihom tkun inħarġet l-Ordni, din il-persuna għandu jkollha d-dritt għal rimedji effettivi kontra Ordni ta' Produzzjoni Ewropea fl-Istat emittenti, mingħajr preġudizzju għar-rimedji disponibbli skont id-Direttiva (UE) 2016/680 u r-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inkluż fl-Artikolu 17(1)

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Tali dritt għal rimedju ***effettiv għandu jiġi eżerċitat quddiem qorti fl-Istat emittenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu u*** għandu jinkludi l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità tal-miżura, inklużi n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha.	3. Tali dritt għal rimedju ***effikaċi*** għandu jinkludi l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità tal-miżura, inklużi n-neċessità u l-proporzjonalità tagħha.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jistgħu jiġu kkontestati fl-Istat emittenti, mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat ta' infurzar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku eżistenti tal-UE fil-liġi kriminali.

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-awtorità emittenti ***għandha tieħu*** l-miżuri xierqa sabiex ***tassigura*** li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-possibbiltajiet skont il-liġi nazzjonali għal rimedji u ***tassigura*** li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod ***effettiv***.	4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-awtorità emittenti ***u l-awtorità ta' infurzar għandhom jieħdu*** l-miżuri xierqa sabiex ***jassiguraw*** li tiġi pprovduta informazzjoni ***f'waqtha*** dwar il-possibbiltajiet skont il-liġi nazzjonali għal rimedji ***legali, inkluż meta japplikaw tali rimedji,*** u ***jassiguraw*** li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod ***effikaċi***.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi proċedimenti kriminali fl-Istat emittenti jkunu rispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċedimenti ġusti meta ssir il-valutazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ammissibilità tal-informazzjoni elettronika hija inkluża fl-Artikolu 11(b) ġdid.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Assigurazzjoni tal-privileġġi u l-immunitajiet skont il-liġi tal-Istat tal-infurzar	
Jekk id-data dwar it-tranżazzjonijiet jew ta' kontenut miksuba bl-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun protetta b'immunitajiet jew privileġġi mogħtija skont il-liġi tal-Istat Membru tad-destinatarju, jew timpatta l-interessi fundamentali ta' dak l-Istat Membru bħad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, il-qorti fl-Istat emittenti għandha tassigura, waqt il-proċedimenti kriminali li għalihom tkun inħarġet l-Ordni, li dawn ir-raġunijiet jiġu kkunsidrati bl-istess mod daqslikieku kienu previsti skont il-liġi nazzjonali tagħhom meta tkun qiegħda tivvaluta r-rilevanza u l-ammissibbiltà tal-evidenza kkonċernata. Il-qorti tista' tikkonsulta lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rilevanti, lin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali jew lill-Eurojust.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Privileġġi u immunitajiet inklużi fl-Artikolu 10(a) ġdid.

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs maħruġa skont it-tip ta' data mitluba, ***il-forniturituas-servizzi indirizzati*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);	(a) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs maħruġa skont it-tip ta' data mitluba, ***id-destinatarji*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' EPOCs issodisfati u mhux issodisfati skont it-tip ta' data mitluba, ***il-forniturituas-servizzi indirizzati*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);	(b) l-għadd ta' EPOCs ***u EPOC-PRs*** issodisfati u mhux issodisfati skont it-tip ta' data mitluba, ***id-destinatarji*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-għadd ta' EPOCs u EPOC-PRs li kien hemm oġġezzjoni dwarhom skont it-tip ta' data mitluba, id-destinatarji, is-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le) u r-raġunijiet imqajma għan-nuqqas ta' rikonoxximent;

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għall-EPOCs issodisfati, it-tul ta' żmien medju sabiex tinkiseb id-data mitluba mill-mument li jinħareġ l-EPOC sal-mument li tinkiseb, skont it-tip ta' data mitluba, ***il-fornitur tas-servizzi indirizzat*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);	(c) għall-EPOCs issodisfati, it-tul ta' żmien medju sabiex tinkiseb id-data mitluba mill-mument li jinħareġ l-EPOC sal-mument li tinkiseb, skont it-tip ta' data mitluba, ***id-destinatarji*** u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le);

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) għal EPOC-PRs trattati, id-durata medja għall-proċedura rispettiva tal-EPOC wara l-EPOC-PR, mill-mument li jinħareġ l-EPOC-PR sal-mument li fih jinħareġ l-EPOC-PR, skont it-tip ta' data mitluba u d-destinatarji;

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej trażmessi u riċevuti għall-infurzar lil Stat tal-infurzar skont it-tip ta' data mitluba, il-fornituri tas-servizzi indirizzati u s-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le) u l-għadd minnhom li	***imħassar***

ġew issodisfati;

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd ta' rimedji legali kontra Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej fl-Istat emittenti u fl-Istat ***tal-infurzar*** skont it-tip ta' data mitluba.	(e) l-għadd ta' rimedji legali kontra Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej ***u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej*** fl-Istat emittenti u fl-Istat ***ta' infurzar*** skont it-tip ta' data mitluba.

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) is-sanzjonijiet imposti, f'konformità mal-Artikolu 13, skont id-data mitluba, id-destinatarji, is-sitwazzjoni (każ ta' emerġenza jew le) u l-ammont ta' sanzjonijiet.

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***

	Emendi fiċ-Ċertifikati u fil-Formoli
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 sabiex temenda l-Annessi I, II u III bil-għan li tindirizza b'mod effettiv ħtieġa possibbli għal titjib fir-rigward tal-kontenut tal-formoli tal-EPOC u tal-EPOC-PR u tal-formoli li għandhom jintużaw sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-impossibbiltà ta' eżekuzzjoni tal-EPOC jew tal-EPOC-PR.	

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Eżerċizzju ta' delega	
1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.	
2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 20 għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].	
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[50] .

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi mgħarraf lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

[50] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 13.

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtorità ***jew l-awtoritajiet*** ta' infurzar li ***jkunu kompetenti sabiex jinfurzaw*** Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej ***f'isem Stat Membru ieħor***;	(b) l-awtorità ta' infurzar li ***lilha tintbagħat l-EPOC jew l-EPOC-PR għall-infurzar ta'*** Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej;

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-awtorità affettwata li jintbagħtilha wkoll l-EPOC, meta jkun ċar li l-persuna, li d-data tagħha hija meħtieġa, la qiegħda tgħix fl-Istat emittenti u lanqas fl-Istat ta' infurzar.

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-qrati kompetenti sabiex jittrattaw oġġezzjonijiet motivati mid-destinatarji skont l-Artikoli 15 u 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jkomplu joħorġu Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej skont id-Direttiva 2014/41/UE għall-ġbir ta' ***evidenza*** li taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jkomplu joħorġu Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej skont id-Direttiva 2014/41/UE għall-ġbir ta' ***informazzjoni elettronika*** li taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn [***5*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tar-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament***, li għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa li jitkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi***. L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-Rapport.	Sa mhux aktar tard minn [***3*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tar-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament. L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-Rapport.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [***6 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].	Huwa għandu japplika minn ***3 snin*** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ĊERTIFIKAT TA' ORDNI TA' PRODUZZJONI EWROPEA (EPOC-PR) GĦALL-PRODUZZJONI TA' ***EVIDENZA*** ELETTRONIKA	ĊERTIFIKAT TA' ORDNI TA' PRODUZZJONI EWROPEA (EPOC-PR) GĦALL-PRODUZZJONI TA' ***INFORMAZZJONI*** ELETTRONIKA

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont ir-Regolament (UE)….[52] ***Id-destinatarju taċ-Ċertifikat ta' Ordni*** ta' Produzzjoni Ewropea (***European Production Order Certificate -*** EPOC) irid ***jeżegwixxi l-EPOC*** u ***jrid jittrażmetti d-data mitluba*** lill-awtorità ***indikata taħt it-Taqsima G(i) tal-EPOC. Jekk id-data ma tiġix prodotta***, ***id-destinatarju jrid***, ***hekk kif jirċievi l-EPOC***, ***jippreserva d-data mitluba, sakemm l-informazzjoni fl-EPOC ma tkun tippermettilu jidentifika din id-data. Il-preservazzjoni għanda tibqa' sakemm id-data tiġi prodotta jew sakemm l-awtorità emittenti jew, meta*** applikabbli, ***l-awtorità tal-infurzar***, ***tindika li ma għadx hemm aktar bżonn li d-data tiġi ppreservata u prodotta.***	Skont ir-Regolament (UE)….[52] ***iċ-Ċertifikat tal-Ordni*** ta' Produzzjoni Ewropea (EPOC) irid ***jiġi indirizzat b'mod dirett*** u ***simultanju lill-fornitur ta' servizz,*** lill-awtorità ***ta' infurzar*** (***jew***, ***fejn applikabbli***, ***lir-rappreżentant legali tiegħu) u***, ***fejn*** applikabbli, ***lill-awtorità affettwata***, ***biex jiġi eżegwit l-EPOC.***
[52] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (ĠU L ...)	[52] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (ĠU L ...)

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-destinatarju jrid jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura l-kunfidenzjalità tal-EPOC u tad-data prodotta jew ippreservata.	***Id-destinatarji jridu jieħdu*** l-passi kollha neċessarji biex ***jiżguraw*** l-kunfidenzjalità tal-EPOC u tad-data prodotta jew ippreservata.

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima A – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-destinatarju:	***Id-destinatarji (immarka l-kaxxa xierqa u imliha)***: ***[ ] fornitur ta' servizz jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant legali tiegħu:*** ***[ ] awtorità ta' infurzar:*** ***[ ] awtorità affettwata (fejn applikabbli):***

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] ***fi żmien minn*** tal-anqas 10 ijiem	[ ] ***wara*** tal-anqas 10 ijiem***, meta l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar:***

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] ***fi żmien minn tal-anqas 6 sigħat fl-eventwalità ta' emerġenza li tinvolvi***:	[ ] ***wara tal-anqas 24 siegħa, meta l-awtorità ta' infurzar ma tkun invokat ebda waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar***:

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] theddida imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika ta' persuna. Ġustifikazzjoni***, jekk meħtieġ***:	[ ] theddida imminenti għall-ħajja jew għall-integrità fiżika ta' persuna. Ġustifikazzjoni:

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] theddida imminenti għal infrastruttura kritika kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] f'perjodu ta' żmien ieħor (speċifika):	***imħassar***
……..……..…...	
minħabba:	
[ ] periklu imminenti li d-data mitluba titħassar	
[ ] miżuri urġenti oħra ta' investigazzjoni	
[ ] data imminenti ta' proċess ġudizzjarju	
[ ] suspettat / akkużat detenut	
[ ] raġunijiet oħra:	

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima C – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni għall-utenti	***Informazzjoni lill-utent***

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima C – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] ***id-destinatarju jrid iżomm*** lura milli ***jinforma*** lill-persuna li d-data tagħha qed	[ ] ***id-destinatarji jridu jżommu*** lura milli ***jinformaw*** lill-persuna li d-data tagħha qed

tintalab permezz tal-EPOC.	tintalab permezz tal-EPOC ***abbażi ta' ordni tal-qorti mehmuża. Ġustifikazzjoni: .....***

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Evidenza elettronika li trid tiġi prodotta	***Informazzjoni*** elettronika li trid tiġi prodotta

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar l-abbonati***, inkluż iżda mhux limitata għal***:	[ ] data dwar l-abbonati:

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
it-tip ta' servizz, inkluż l-identifikatur (in-numru tat-telefon, ***l-indirizz tal-IP,*** in-numru tas-SIM card, l-indirizz MAC) kif ukoll kull apparat assoċjat	it-tip ta' servizz, inkluż l-identifikatur (in-numru tat-telefon, in-numru tas-SIM card, l-indirizz MAC) kif ukoll kull apparat assoċjat

Or. en

Emenda 214

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 1 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] informazzjoni dwar il-karti ta' debitu jew kreditu (li jkun ipprovda l-utent għall-finijiet ta' ħlas) inklużi metodi oħra ta' pagament	***imħassar***

Or. en

Emenda 215

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 1 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] Kodiċijiet PUK ***Kodiċijiet PUK***	[ ] Kodiċijiet PUK

Or. en

Emenda 216

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar l-aċċess, inklużiżda mhux limitata għal:	***imħassar***
[ ] rekords tal-konnessjonijiet tal-IP/logs għall-finijiet ta' identifikazzjoni	

Or. en

Emenda 217

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar ***it-tranżazzjonijiet***:	[ ] data dwar ***it-traffiku***:
	[ ] indirizz IP / rekords tal-konnessjonijiet IP/logs għall-finijiet ta' identifikazzjoni

Or. en

Emenda 218

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar it-traffiku***, inkluż iżda mhux limitata għal***:	[ ] data ***oħra*** dwar it-traffiku:

Or. en

Emenda 219

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] informazzjoni ta' routing (l-indirizz IP tas-sors, l-indirizz(i) IP tad-destinazzjoni, in-numru/i tal-port, il-brawser, ***l-informazzjoni dwar l-intestaturi tal-posta elettronika,*** l-ID tal-messaġġ)	[ ] informazzjoni ta' routing (l-indirizz IP tas-sors, l-indirizz(i) IP tad-destinazzjoni, in-numru/i tal-port, il-brawser, l-ID tal-messaġġ)

Or. en

Emenda 220

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	[ ] ir-rekords tal-ammonti miżjuda mal-bilanċ imħallas minn qabel

Or. en

Emenda 221

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data oħra dwar it-tranżazzjonijiet, inklużiżda mhux limitata għal:	***imħassar***
[ ] ir-rekords tal-ammonti miżjuda mal-bilanċ imħallas minn qabel	
[ ] il-lista tal-kuntatti	

Or. en

Emenda 222

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt i – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar il-kontenut***, inklużiżda mhux limitata għal:***	[ ] data dwar il-kontenut***:***
	[ ] lista tal-kuntatti

Or. en

Emenda 223

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt ii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***L-informazzjoni ta' hawn taħt titqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħek*** sabiex l-EPOC ***ikun jista'*** jiġi eżegwit:	(ii) ***Informazzjoni addizzjonali*** sabiex jiġi eżegwit l-EPOC:

Or. en

Emenda 224

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt iii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***Jekk applikabbli,*** il-medda taż-żmien mitluba li tiġi prodotta:	(iii) Il-medda taż-żmien mitluba li tiġi prodotta:

Or. en

Emenda 225

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt iv – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] id-data mitluba ġiet ippreservata f'konformità ma' talba oħra għall-preservazzjoni li saret qabel maħruġa minn……..…… ……..…… (indika l-awtorità***,*** u ***jekk applikabbli, id-data*** tat-trażmissjoni tar-rikjesta u n-numru ta' referenza) u trażmessa lil …… …..…… (indika ***l-fornitur tas-servizzi/ir-rappreżentant legali/l-awtorità pubblika*** li ġiet trażmessa lilhom u jekk applikabbli, in-numru ta' referenza	[ ] id-data mitluba ġiet ippreservata f'konformità ma' talba oħra għall-preservazzjoni li saret qabel maħruġa minn……..…… ……..…… (indika l-awtorità u ***d-data*** tat-trażmissjoni tar-rikjesta u n-numru ta' referenza) u trażmessa lil …… …..…… (indika ***d-destinatarji*** li ġiet trażmessa lilhom u jekk applikabbli, in-numru ta' referenza mogħti ***mid-destinatarji***)

mogħti ***mid-destinatarju***)

Or. en

Emenda 226

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt v – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EPOC attwali jinħareġ għal data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u/jew dwar il-kontenut (immarka l-kaxxa/i rilevanti, jekk applikabbli):	L-EPOC attwali jinħareġ għal data dwar ***it-traffiku*** u/jew dwar il-kontenut (immarka l-kaxxa/i rilevanti, jekk applikabbli):

Or. en

Emenda 227

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt v – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] reat(i) kriminali li fl-Istat emittenti jkunu punibbli b'piena ta' kustodja ta' perjodu massimu ta' minn tal-anqas ***3*** snin;	[ ] reat(i) kriminali li fl-Istat emittenti jkunu punibbli b'piena ta' kustodja ta' perjodu massimu ta' minn tal-anqas ***5*** snin;

Or. en

Emenda 228

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima D – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) Jekk jogħġbok kin af li (immarka fejn jgħodd):	***imħassar***
[ ] Id-data mfittxija hija maħżuna jew ipproċessata bħala parti minn infrastruttura korporattiva pprovduta	

minn fornitur tas-servizzi lil kumpanija jew entità oħra għajr persuni fiżiċi, u l-EPOC attwali huwa indirizzat lill-fornitur tas-servizzi għaliex il-miżuri investigattivi indirizzati lill-kumpanija jew lill-entità mhumiex xierqa, b'mod partikolari minħabba li jistgħu jipperikolaw l-investigazzjoni.

Or. en

Emenda 229

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima E – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar ***l-aċċess u*** l-abbonati)	[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar l-abbonati)

Or. en

Emenda 230

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima E – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar ***it-tranżazzjonijiet*** u l-kontenut) → jekk jogħġbok imla wkoll it-Taqsima (F)	[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar ***it-traffiku*** u l-kontenut) → jekk jogħġbok imla wkoll it-Taqsima (F)

Or. en

Emenda 231

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima F – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar ***l-aċċess u*** l-abbonati)	[ ] prosekutur pubbliku (għad-data dwar l-abbonati)

Or. en

Emenda 232

Proposta għal regolament
Anness I – taqsima G – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) L-awtorità/l-punt ta' kuntatt li jistgħu jiġu kkuntattjati għal kull mistoqsija marbuta ***mal-eżekuzzjoni*** tal-EPOC:…… …… ……	(ii) L-awtorità/l-punt ta' kuntatt li jistgħu jiġu kkuntattjati għal kull mistoqsija marbuta ***mal-infurzar*** tal-EPOC:…… …… ……

Or. en

Emenda 233

Proposta għal regolament
Anness II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ĊERTIFIKAT TA' ORDNI TA' PRESERVAZZJONI EWROPEA (EPOC-PR) GĦALL-PRESERVAZZJONI TA' ***EVIDENZA*** ELETTRONIKA	ĊERTIFIKAT TA' ORDNI TA' PRESERVAZZJONI EWROPEA (EPOC-PR) GĦALL-PRESERVAZZJONI TA' ***INFORMAZZJONI*** ELETTRONIKA

Or. en

Emenda 234

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont ir-Regolament (UE) **..**.[53] ***id-destinatarju taċ-Ċertifikat ta' Ordni*** ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR) irid***, mingħajr dewmien eċċessiv wara li jirċievi l-EPOC-PR jippreserva d-data mitluba. Il-preservazzjoni tieqaf wara 60 jum, sakemm l-awtorità emittenti ma tikkonfermax li tkun tnediet talba sussegwenti għall-produzzjoni. Jekk l-awtorità emittenti tikkonferma li fiż-żmien dawk is-60 jum, tkun tnediet talba sussegwenti għall-produzzjoni, id-destinatarju jrid jippreserva d-data għal kemm ikun hemm bżonn biex jipproduċi d-data ladarba tiġi notifikata t-talba sussegwenti għall-produzzjoni.***	Skont ir-Regolament (UE)**….**.[53] ***iċ-Ċertifikat tal-Ordni*** ta' Preservazzjoni Ewropea (EPOC-PR) irid ***jiġi indirizzat b'mod dirett u simultanju lill-fornitur ta' servizz (jew**, **fejn applikabbli**, **lir-rappreżentant legali tiegħu) u lill-awtorità ta' infurzar*** biex ***jiġi eżegwit l-EPOC-PR***.
[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (ĠU L ...)	[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (ĠU L ...)

Or. en

Emenda 235

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-destinatarju jrid jieħu l-passi kollha neċessarji biex ***jiżgura l-kunfidenzjalità*** tal-EPOC-PR u tad-data ppreservata jew prodotta.	***Id-destinatarji jridu jieħdu*** l-passi kollha neċessarji biex ***jiżguraw il-kunfidenzjalità*** tal-EPOC-PR u tad-data ppreservata jew prodotta.

Or. en

Emenda 236

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima A – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-destinatarju::……...……..…… ……..…	***Id-destinatarji (immarka l-kaxxa xierqa u imliha)***: ***[ ] fornitur ta' servizz jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant legali tiegħu: .....*** ***[ ] awtorità ta' infurzar: .....***

Or. en

Emenda 237

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima B – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni għall-utenti	***Informazzjoni lill-utent***

Or. en

Emenda 238

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima B – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] ***id-destinatarju jrid iżomm*** lura milli ***jinforma*** lill-persuna li d-data tagħha qed tintalab permezz ***tal-EPOC***.	[ ] ***id-destinatarji jridu jżommu*** lura milli ***jinformaw*** lill-persuna li d-data tagħha qed tintalab permezz ***tal-EPOC-PR abbażi ta' ordni tal-qorti mehmuża. Ġustifikazzjoni: .....***

Or. en

Emenda 239

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Evidenza elettronika li trid tiġi ppreservata	***Informazzjoni*** elettronika li trid tiġi ppreservata

Or. en

Emenda 240

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar l-abbonati***, inkluż iżda mhux limitata għal***:	[ ] data dwar l-abbonati:

Or. en

Emenda 241

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
it-tip ta' servizz, inkluż l-identifikatur (in-numru tat-telefon, ***l-indirizz tal-IP,*** in-numru tas-SIM card, l-indirizz MAC) kif ukoll kull apparat assoċjat	it-tip ta' servizz, inkluż l-identifikatur (in-numru tat-telefon, in-numru tas-SIM card, l-indirizz MAC) kif ukoll kull apparat assoċjat

Or. en

Emenda 242

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 1 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] informazzjoni dwar il-karti ta' debitu jew kreditu (li jkun ipprovda l-utent għall-finijiet ta' ħlas) inklużi metodi oħra ta' pagament	***imħassar***

Or. en

Emenda 243

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar l-aċċess, inkluż iżda mhux limitata għal:	***imħassar***
[ ] rekords tal-konnessjonijiet tal-IP/logs għall-finijiet ta' identifikazzjoni	

Or. en

Emenda 244

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar ***it-tranżazzjonijiet***:	[ ] data dwar ***it-traffiku***:
	[ ] indirizz IP / rekords tal-konnessjonijiet IP/logs għall-finijiet ta' identifikazzjoni

Or. en

Emenda 245

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar it-traffiku***, inkluż iżda mhux limitata għal***:	[ ] data ***oħra*** dwar it-traffiku:

Or. en

Emenda 246

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] informazzjoni ta' routing (l-indirizz IP tas-sors, l-indirizz(i) IP tad-destinazzjoni, in-numru/i tal-port, il-brawser, ***l-informazzjoni dwar l-intestaturi tal-posta elettronika,*** l-ID tal-messaġġ)	[ ] informazzjoni ta' routing (l-indirizz IP tas-sors, l-indirizz(i) IP tad-destinazzjoni, in-numru/i tal-port, il-brawser, l-ID tal-messaġġ)

Or. en

Emenda 247

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	[ ] ir-rekords tal-ammonti miżjuda mal-bilanċ imħallas minn qabel

Or. en

Emenda 248

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data oħra dwar it-tranżazzjonijiet,	***imħassar***

inkluż iżda mhux limitata għal:

[ ] ir-rekords tal-ammonti miżjuda mal-bilanċ imħallas minn qabel

[ ] il-lista tal-kuntatti

Or. en

Emenda 249

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt i – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] data dwar il-kontenut***, inkluż iżda mhux limitata għal:***	[ ] data dwar il-kontenut***:***
	[ ] lista tal-kuntatti

Or. en

Emenda 250

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt ii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***L-informazzjoni ta' hawn taħt titqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħek*** sabiex ***l-EPOC-PR ikun jista'*** jiġi eżegwit:	(ii) ***Informazzjoni addizzjonali*** sabiex jiġi eżegwit ***l-EPOC-PR***:

Or. en

Emenda 251

Proposta għal regolament
Anness II – taqsima C – punt iii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***Jekk applikabbli,*** il-medda taż-żmien mitluba li tiġi ppreservata:	(iii) Il-medda taż-żmien mitluba li tiġi ppreservata:

Or. en

Emenda 252

Proposta għal regolament
Anness III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
INFORMAZZJONI DWAR L-IMPOSSIBBILTÀ LI L-EPOC/L-EPOC-PR IKUNU EŻEGWITI	INFORMAZZJONI DWAR L-IMPOSSIBBILTÀ LI L-EPOC / L-EPOC-PR IKUNU EŻEGWITI ***JEW IN-NUQQAS TA' RIKONOXXIMENT TAL-EPOC / TAL-EPOC-PR***

Or. en

Emenda 253

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima B – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Destinatarju tal-EPOC/tal-EPOC-PR:	***Awtorità ta' infurzar*** tal-EPOC/tal-EPOC-PR:

Or. en

Emenda 254

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima C – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk disponibbli, id-data tat-trażmissjoni tal-EPOC/tal-EPOC-PR:	Id-data tat-trażmissjoni tal-EPOC/tal-EPOC-PR:

Or. en

Emenda 255

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Raġunijiet ***li minħabba fihom l-ordni ma ġietx eżegwita***	Raġunijiet ***għall-impossibilità ta' infurzar tal-EPOC / tal-EPOC-PR***

Or. en

Emenda 256

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] l-EPOC/l-EPOC-PR fih żbalji ovvji	[ ] l-EPOC/l-EPOC-PR fih żbalji ovvji***, fil-forma jew fil-kontenut,***

Or. en

Emenda 257

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] force majeure jew l-impossibbiltà de facto li ma tkun attribwibbli ***għad-destinatarju jew għall-fornitur tas-servizz***	[ ] force majeure jew l-impossibbiltà de facto li ma tkun attribwibbli ***għad-destinatarji***

Or. en

Emenda 258

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] ***is-servizz*** ma jkunx kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE)....	[ ] ***il-fornitur ta' servizz*** ma jkunx kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE)....

Or. en

Emenda 259

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea/l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ma tkunx tirrigwarda data maħżuna mill-fornitur tas-servizzi jew f'ismu fil-mument li ***jiġi riċevut*** l-EPOC/l-EPOC-PR	[ ] l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea/l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea ma tkunx tirrigwarda data maħżuna mill-fornitur tas-servizzi jew f'ismu fil-mument li ***jinħareġ*** l-EPOC/l-EPOC-PR

Or. en

Emenda 260

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] abbażi tal-unika informazzjoni li tinsab fl-EPOC/fl-EPOC-PR, ikun evidenti li l-EPOC/l-EPOC-PR jikser b'mod ċar il-Karta jew ikun abbużiv b'mod ċar	***imħassar***

Or. en

Emenda 261

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima D – punt i – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] il-konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea tkun f'kunflitt mal-liġi(jiet) applikabbli ta' pajjiż terz li jipprojbixxu d-divulgazzjoni tad-data kkonċernata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 262

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima Da (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	TAQSIMA Da: Raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar tal-EPOC / tal-EPOC-PR (immarka l-kaxxa xierqa):
	1. Raġunijiet obbligatorji għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar:
	[ ] l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tmur kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem;
	[ ] ikun hemm raġunijiet sostantivi għalxiex jitwemmen li l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun inkompatibbli mal-obbligi tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6 tat-TUE u l-Karta;
	[ ] ikun hemm immunità jew privileġġ skont il-liġi tal-Istat ta' infurzar jew, fejn applikabbli, l-Istat affettwat;
	2. Raġunijiet fakultattivi għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar:
	[ ] il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew ta' Ordni ta'

Preservazzjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati;

[ ] l-EPOC jew l-EPOC-PR ma jkunux kompleti jew ikun ċar li huma inkorretti, fil-forma jew fil-kontenut, u ma jkunux tlestew jew ma jkunux ġew korretti wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(3), (4) u (5) u fl-Artikolu 10(4) u (5) ta' dan ir-Regolament;

[ ] l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun ta' dannu għall-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali, tipperikola s-sors tal-informazzjoni jew tinvolvi l-użu ta' informazzjoni klassifikata relatata ma' attivitajiet speċifiċi ta' intelligence;

[ ] l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea relatati ma' reat kriminali li allegatament twettaq barra mit-territorju tal-Istat Membru emittenti u l-liġi tal-Istat Membru ta' infurzar ma tippermettix prosekuzzjoni għall-istess reati meta jitwettqu barra mit-territorju tiegħu; meta l-EPOC jew l-EPOC-PR ikunu dwar reat kriminali li allegatament twettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' infurzar;

[ ] l-atteġġament li għalih ikun inħareġ l-EPOC jew l-EPOC-PR ma jikkostitwixxix reat skont il-liġi tal-Istat ta' infurzar, diment li ma jikkonċernax reat elenkat fil-kategoriji ta' reati stipulati fl-Anness IIIa;

[ ] l-infurzar tal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew tal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun ristretta taħt il-liġi tal-Istat ta' infurzar għal lista jew kategorija ta' reati jew għal reati punibbli minn limitu minimu ogħla.

[ ] il-konformità mal-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew mal-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea tkun f'kunflitt mal-liġijiet applikabbli ta' pajjiż terz li jipprojbixxu d-divulgazzjoni tad-data

	kkonċernata f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-istat ta' infurzar;

Or. en

Emenda 263

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima G – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] se tibqa' ppreservata ***sakemm id-data tiġi prodotta jew sakemm l-awtorità emittenti*** jew, ***meta applikabbli, l-awtorità tal-infurzar***, ***tinforma li ma għadx hemm bżonn li d-data tiġi ppreservata u tiġi prodotta***	[ ] se tibqa' ppreservata ***għal 5 ijiem għall-kjarifika*** jew, ***fejn meħtieġ***, ***korrezzjoni mill-awtorità emittenti***

Or. en

Emenda 264

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima G – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[ ] mhux se tiġi ppreservata billi l-informazzjoni pprovduta fl-EPOC/fl-EPOC-PR ma tippermettix li tiġi identifikata.	[ ] mhux se tiġi ***prodotta jew*** ippreservata billi l-informazzjoni pprovduta fl-EPOC/fl-EPOC-PR ma tippermettix li tiġi identifikata.

Or. en

Emenda 265

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima G – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	[ ] mhux se tiġi prodotta jew ippreservata

billi teżisti waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar.

Or. en

Emenda 266

Proposta għal regolament
Anness III – taqsima H – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dettalji tal-fornitur tas-servizz */* ir-rappreżentant legali tiegħu	Id-dettalji tal-fornitur tas-servizz***, jew fejn applikabbli,*** ir-rappreżentant legali tiegħu

Or. en

Emenda 267

Proposta għal regolament
Anness IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS IIIa
	Il-kategoriji ta ' reati msemmijin fl-Artikolu 10a(2)(e):
	- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
	- terroriżmu,
	- traffikar ta' bnedmin,
	- sfruttament sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal,
	- traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,
	- traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi,
	- korruzzjoni,
	- frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fis-sens

tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea,

- ħasil ta' flus ta' rikavat minn attività kriminali,

- falsifikazzjoni ta' munita, inkluż tal-euro,

- kriminalità relatata mal-informatika,

- kriminalità ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċijiet ta' annimali fil-periklu u ta' speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu,

- faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,

- qtil, offiża gravi fuq il-persuna,

- kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,

- ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u teħid ta' ostaġġi,

- razziżmu u ksenofobija,

- serq organizzat jew bl-użu ta' armi,

- traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inkluż antikitajiet u opri tal-arti,

- qligħ b'qerq,

- rikattar organizzat u estorsjoni,

- falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

- falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar fihom,

- falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,

- traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir,

- traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,

- traffikar ta' vetturi misruqa,

- stupru,

- ħruq doluż,

- reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

- ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/ta' bastimenti,

- sabutaġġ.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-relatur ser tippreżenta, minn hawn 'il quddiem, ir-raġunijiet ewlenin għall-emendi ppreżentati fl-abbozz ta' rapport dwar il-proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali 2018/0108(COD).

Introduzzjoni

F'April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ strumenti, il-Proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali – 2018/0108 (COD), abbażi tal-Artikolu 82 tat-TFUE; u l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali – 2018/0107 (COD), – abbażi tal-Artikoli 53 u 62 tat-TFUE. L-objettiv imfittex mill-Kummissjoni kien li tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jħaffu l-proċess biex jiżguraw u jiksbu informazzjoni elettronika transfruntiera.

Fl-24 ta' Mejju 2018, il-Membru tal-PE Birgit Sippel inħatret bħala r-Rapporteur tal-PE għar-Regolament propost u għad-Direttiva. Fix-xhur ta' wara l-ħatra saru diversi skambji ta' fehmiet, inklużi erba' laqgħat interni mas-shadow rapporteurs kif ukoll diversi laqgħat estiżi tas-shadow rapporteurs flimkien mal-partijiet ikkonċernati differenti (il-Kummissjoni, il-forniturі ta' servizzi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-avukati tad-difiża, l-imħallfin, l-esperti legali, l-NGOs tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet fundamentali, eċċ.). Barra minn hekk, fis-27 ta' Novembru 2018 ġie organizzat smigħ tal-Kumitat LIBE, segwit minn serje ta' seba' dokumenti ta' ħidma ppreżentati fil-Kumitat LIBE bejn is-7 ta' Diċembru 2018 u l-1 ta' April 2019. Kull wieħed minn dawn id-dokumenti ġew abbozzati u ppreżentati mir-Rapporteur u wieħed mis-shadow Rapporteurs.

Id-dokumenti ta' ħidma indirizzaw it-temi li ġejjin:

- Dokument ta' Ħidma Nru 1: Introduzzjoni u valutazzjoni ġenerali tal-kwistjonijiet (abbozzat mir-Relatur)
- Dokument ta' Ħidma Nru 2: Il-kamp ta' applikazzjoni u r-relazzjoni ma' strumenti oħra (abbozzat flimkien mal-Grupp PPE)
- Dokument ta' Ħidma Nru 3: Ir-rwol tal-Fornituri ta' Servizzi (abbozzat flimkien mal-Grupp ECR)
- Dokument ta' Ħidma Nru 4: Ir-relazzjonijiet mal-liġi tal-pajjiż terz (abbozzat flimkien mal-Grupp ALDE (issa: Renew Europe))
- Dokument ta' Ħidma Nru 5: Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' EPOC(-PR) (abbozzat flimkien mal-Grupp GUE)
- Dokument ta' Ħidma Nru 6: Is-salvagwardji u r-rimedji (abbozzat flimkien mal-Grupp Verts/ALE)
- Dokument ta' Ħidma Nru 7: L-infurzar tal-EPOC(-PR) (abbozzat mir-Rapporteur flimkien mal-eks Grupp EFDD)

Kwistjonijiet legali

Id-diversi skambji ta' fehmiet, kif ukoll ir-riżultati tad-dokumenti ta' ħidma wrew, fost oħrajn, il-mistoqsijiet u l-kwistjonijiet legali li ġejjin:

- Mistoqsijiet dwar il-bażi legali adegwata u l-konnessjonijiet ma' strumenti oħra tal-UE u ma' strumenti internazzjonali (pereżempju l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kriminalità Ċibernetika u ftehim possibbli mal-Istati Uniti);
- Interpretazzjoni atipika tal-kunċett ta' rikonoxximent reċiproku, li tippermetti lill-awtorità emittenti tindirizza b'mod dirett lill-fornituri ta' servizzi f'ġurisdizzjoni oħra mingħajr ma tinvolvi awtomatikament lill-awtoritajiet tal-Istat(i) l-ieħor/l-oħra affettwat(i);
- Trasferiment ta' valutazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali lil kumpaniji privati, li joħloq ir-riskju ta' privatizzazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE fil-liġi kriminali;
- Introduzzjoni tal-extraterritorjalità/taċ-ċirkomvenzjoni ta' prerogattivi bażiċi tal-Istat;
- Kundizzjonijiet sproporzjonati għall-ħruġ ta' ordnijiet (il-livell tar-reati);
- Kategoriji ta' data li ma jikkorrispondux għall-istrumenti eżistenti tal-UE;
- Garanziji insuffiċjenti dwar id-drittijiet fundamentali (immunitajiet/privileġġi, informazzjoni tal-utent, rimedji legali effettivi);
- Kwistjonijiet dwar il-fattibbiltà prattika u teknika (b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs);
- Possibbiltà ta' konflitt tal-liġijiet ma' pajjiżi terzi;
- Kwistjonijiet dwar il-kompatibbiltà mar-rekwiżiti tal-QEDB.

Dawn il-kwistjonijiet legali tqajmu minn maġġoranza kbira ta' partijiet ikkonċernati, inklużi mħallfin u avukati tad-difiża, esperti tal-protezzjoni tad-data u esperti tad-drittijiet fundamentali, NGOs kif ukoll fornituri ta' servizzi.

L-objettiv tar-Rapporteur huwa komuni għall-objettiv ġenerali tal-Kummissjoni u għaldaqstant tipproponi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament, sabiex jinħoloq strument effiċjenti u rapidu għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji li fl-istess waqt jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u jiżgura ċ-ċertezza legali. Filwaqt li jinżamm l-istess perjodu ta' żmien kif previst mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, l-abbozz ta' rapport jintroduċi l-elementi addizzjonali neċessarji sabiex tiġi ggarantita kompatibbiltà sħiħa mal-istat tad-dritt u mal-istandards tad-drittijiet fundamentali.

Elementi ewlenin tal-abbozz ta' rapport

1. Proċedura ta' notifika sinifikanti

L-Artikolu 82 tat-TFUE huwa bbażat fuq il-kunċett ta' kooperazzjoni bejn żewġ awtoritajiet ġudizzjarji. Għall-kuntrarju ta' dan, il-proposta tal-Kummissjoni tippermetti lill-awtorità emittenti tindirizza b'mod dirett lill-fornituri ta' servizzi f'sitwazzjonijiet transfruntiera mingħajr ma tinvolvi awtomatikament lill-awtoritajiet tal-Istat(i) l-ieħor/l-oħra affettwat(i). Barra minn hekk, il-mekkaniżmu l-ġdid, kif previst mill-Kummissjoni, iċaħħad lill-Istati mir-responsabbiltà fundamentali tagħhom li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fit-territorju tagħhom u, fl-istess waqt, iċaħħad lill-kontrolluri tad-data mill-obbligu tagħhom li jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż fejn huma stabbiliti. Dan kien punt ewlieni li tqajjem minn diversi esperti legali, inkluż imħallef tal-QEDB, diversi mħallfin nazzjonali, minn NGOs tal-protezzjoni tad-data u tad-drittijiet fundamentali kif ukoll minn fornituri ta' servizzi. Barra minn hekk, f'ittra konġunta tal-20 ta' Novembru 2018, tmien Stati Membri (ir-Repubblika

Ċeka, il-Greċja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, in-Netherlands u l-Iżvezja) esprimew it-talba tagħhom għal sistema ta' notifika aktar sinifikanti għall-Istati Membri.

Għaldaqstant, ir-Rapporteur daħħlet mill-ġdid in-notifika awtomatika tal-Istat ta' infurzar fl-abbozz ta' rapport tagħha: kull ordni mibgħuta minn Stat emittenti trid tiġi nnotifikata lill-Istat ta' infurzar, fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizz jew, għall-forniturі ta' servizzi li mhumiex stabbiliti fl-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament, fejn ikun inħatar ir-rappreżentant legali tiegħu. Meta jitqiesu kemm ir-responsabbiltajiet fundamentali tal-Istati Membri li jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali fit-territorju tagħhom kif ukoll l-obbligi tal-forniturі ta' servizzi fir-rigward tal-pajjiż fejn huma stabbiliti, din in-notifika għandha tkun sinifikanti.

B'hekk, minkejja l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, l-awtorità ta' infurzar jeħtiġilha tkun tista' tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' ordni meta tali rifjut ikun ibbażat fuq raġunijiet speċifiċi u limitati elenkati f'artikolu ġdid fl-abbozz ta' rapport, skont ir-raġunijiet adottati fid-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, biex b'hekk tiġi żgurata l-konsistenza bejn dawn iż-żewġ strumenti dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi materji kriminali. Mekkaniżmu ta' notifika sinifikanti bħal dan ma jippermettix ukoll lill-forniturі ta' servizzi, jiġifieri entitajiet privati, milli jsiru assessuri legali tad-drittijiet fundamentali u jeżentahom mir-responsabbiltà f'każ ta' konflitt tal-liġijiet. Konsegwentement, l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropea jew l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropea jeħtiġilhom jintbagħtu fl-istess waqt lill-fornitur ta' servizz u lill-awtorità ta' infurzar. Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità ta' infurzar fuq perijodu ta' żmien fiss, il-fornitur ta' servizz huwa obbligat jippreserva jew jipproduċi d-data mitluba lill-awtorità emittenti.

Barra minn hekk, diversi Stati Membri, forniturі ta' servizzi u NGOs tad-drittijiet fundamentali qajmu l-kwistjoni ta' sitwazzjonijiet fejn il-persuna affettwata la hija ċittadin u lanqas residenti tal-Istat emittenti jew tal-Istat ta' infurzar. F'każijiet bħal dawn, b'mod partikolari billi l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej huma aktar intrużivi, jenħtieġ li, fejn possibbli, l-Istat Membru tar-residenza permanenti tal-persuna jiġi nnotifikat ukoll b'mod simultanju biex b'hekk l-Istat affettwat ikollu l-possibbiltà li jressaq id-dubji tiegħu fir-rigward tal-legalità ta' ordni għall-attenzjoni tal-Istat ta' infurzar. Skont is-sistema ta' notifika ġenerali introdotta mill-ġdid mir-Rapporteur, tali notifika addizzjonali lill-Istat affettwat, fejn applikabbli, tibqa' wkoll fl-istess perjodu ta' żmien tal-proċedura, hekk kif previst mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

2. Il-kunċett ta' Regolament u ta' Direttiva

Il-Kummissjoni pproponiet żewġ istrumenti, il-proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali u l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali.

Madankollu, teżisti diskrepanza bejn iż-żewġ strumenti. Id-Direttiva proposta torbot lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jintroduċu rappreżentant legali, anke dawk li mhumiex jipparteċipaw fl-istrumenti legali adottati fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V, Kapitolu 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tidher li mhux biss tintroduċi tali rappreżentant legali għall-funzjonament tar-Regolament propost, imma possibbilment tużah ukoll għal strumenti futuri oħra. F'dak ir-

rigward, id-Direttiva proposta tegħleb l-għan tagħha u tqajjem kwistjonijiet serji dwar il-bażi legali tagħha, jiġifieri l-Artikoli 53 u 62 tat-TFUE. Konsegwentement, huma biss dawk l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fir-Regolament propost li għandhom ikunu marbuta bl-obbligu fir-rigward tal-ħatra ta' rappreżentanti legali. Għalhekk, il-kontenut rilevanti tad-Direttiva proposta ġie integrat direttament fir-Regolament propost bħala miżura ta' akkumpanjament għal strumenti ta' rikonoxximent reċiproku taħt l-Artikolu 82 tat-TFUE.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tapplika l-kunċett ta' rappreżentant legali biss għall-forniturі ta' servizzi li mhumiex stabbiliti fl-UE jew għall-forniturі ta' servizzi tal-UE stabbiliti fi Stat Membru tal-UE li mhux marbut bir-Regolament iżda joffru servizzi fl-Istati Membri parteċipanti. F'każijiet bħal dawn, ir-rappreżentant legali jeħtieġlu jiġi nnominat f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti fejn joffri s-servizzi tiegħu. Fir-rigward ta' forniturі ta' servizzi li diġà huma stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti, mhux meħtieġ li dawn jaħtru rappreżentant legali speċifiku fil-qafas ta' dan ir-Regolament billi diġà huma responsabbli għal kwalunkwe ksur tal-liġijiet applikabbli f'dan l-Istat Membru minħabba l-post tal-istabbiliment ewlieni tagħhom. Għaldaqstant, l-ordnijiet fi ħdan dan ir-Regolament għandhom jiġu indirizzati direttament lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur ta' servizz fejn huwa stabbilit il-kontrollur tad-data.

3. Il-konflitt tal-liġijiet ma' pajjiż terz

Fl-Artikoli 15 u 16 tal-abbozz ta' Regolament, il-Kummissjoni introduċiet proċedura speċjali fir-rigward tal-konflitti tal-liġijiet ma' Stat terz, li tinvolvi wkoll, f'xi każijiet, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat terz u l-introduzzjoni ta' kriterji ta' valutazzjoni speċifiċi għall-Istat emittenti. Il-Kunsill, fl-Approċċ Ġenerali tiegħu, ħassar wieħed mill-artikoli filwaqt li żamm biss l-Artikolu a16 hekk kif propost mill-Kummissjoni.

Madankollu, din il-proċedura ma tipprevedix skadenzi u b'hekk huwa possibbli r-riskju ta' proċeduri twal ħafna ta' konflitti tal-liġijiet. Barra minn hekk, il-proċedura tal-Artikolu 16, hekk kif prevista mill-Kummissjoni u kif inżammet fl-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill, ser tinvolvi biss l-awtorità emittenti minkejja l-fatt li jinħolqu konflitti tal-liġijiet fit-territorju tal-Istat ta' infurzar.

Konsegwentement, ir-Rapporteur tipproponi proċedura semplifikata bi skadenzi ċari u qosra u l-involviment tal-Istat ta' infurzar li jiggarantixxi effiċjenza u involviment adegwat tal-atturi kollha kkonċernati.

4. Id-drittijiet tal-persuni affettwati

Fl-aħħar nett, rigward id-drittijiet tal-persuni affettwati, żdiedu diversi żidiet u kjarifiki bħal kundizzjonijiet aktar ġusti għall-ħruġ ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej u bħal kategoriji ta' data ċari (abbażi ta' leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u leġiżlazzjoni nazzjonali u skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE). Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi informazzjoni għall-utent aktar komprensiva, tintroduċi limitazzjonijiet fuq l-użu tad-data miksuba, regoli dwar l-ammissibilità tal-evidenza u t-tħassir tad-data miksuba, kif ukoll rimedji legali effettivi (inklużi rimedji għal Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej).

Barra minn hekk, kif imsemmi qabel, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' sistema ta' notifika sinifikanti ser tippermetti li d-drittijiet tal-persuni affettwati jkunu garantiti mill-Istat ta' infurzar u, fejn applikabbli, mill-Istat affettwat.

5. It-terminoloġija "informazzjoni elettronika"

Billi t-terminoloġija magħżula mill-Kummissjoni – "evidenza elettronika" – tista' awtomatikament timplika li d-data miġbura hija ammissibbli bħala evidenza fi proċediment kriminali, ir-Rapporteur tissuġġerixxi s-sostituzzjoni tat-terminu b'terminoloġija aktar newtrali, jiġifieri "informazzjoni elettronika".